| Denominazione di Origine Controllata e Garantita / D.O.C.G. | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr,mosti ta' l-għeneb parzjalment iffermentati b'GI* | *Taljan* |
| Vino Dolce Naturale | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Inticazione geografica tipica (IGT) | *Kollha* | *Inbid tal-mejda, « vin de pays », inbid ta' għeneb li sar iż-żejjed and most ta' l-għeneb parzjalment iffermentat b' GI* | *Taljan* |
| Landwein | *Inbid b'GI tal-provinċja awtonoma ta' Bolzano* | *Inbid tal-mejda, « vin de pays », inbid ta' għeneb li sar iż-żejjed and most ta' l-għeneb parzjalment iffermentat b' GI* | *Ġermaniż* |
| Vin de pays | *Inbid b'GI tar-reġjun ta' Aosta* | *Inbid tal-mejda, « vin de pays », inbid ta' għeneb li sar iż-żejjed and most ta' l-għeneb parzjalment iffermentat b' GI* | *Franċiż* |
| Alberata o vigneti ad alberata | *DOC Aversa* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Amarone | *DOC Valpolicella* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Ambra | *DOC Marsala* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Ambrato | *DOC Malvasia delle Lipari*<br><br>*DOC Vernaccia di Oristano* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Annoso | *DOC Controguerra* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Apianum | *DOC Fiano di Avellino* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Latin* |
| Auslese | *DOC Caldaro u Caldaro classico- Alto Adige* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Barco Reale | *DOC Barco Reale di Carmignano* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Brunello | *DOC Brunello di Montalcino* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Buttafuoco | *DOC Oltrepò Pavese* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Cacc'e mitte | *DOC Cacc'e Mitte di Lucera* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Cagnina | *DOC Cagnina di Romagna* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Cannellino | *DOC Frascati* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Cerasuolo | *DOC Cerasuolo di Vittoria*<br><br>*DOC Montepulciano d'Abruzzo* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Chiaretto | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr, inbid tal-mejda b'GI* | *Taljan* |
| Ciaret | *DOC Monferrato* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Château | *DOC de la région Valle d'Aosta* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Franċiż* |
| Classico | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Dunkel | *DOC Alto Adige*<br><br>*DOC Trentino* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Est !Est ! !Est ! ! ! | *DOC Est !Est ! !Est ! ! ! di Montefiascone* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Latin* |
| Falerno | *DOC Falerno del Massico* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Fine | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Fior d'Arancio | *DOC Colli Euganei* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr,*<br><br>*Inbid tal-mejda b'GI* | *Taljan* |
| Falerio | *DOC Falerio dei colli Ascolani* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Flétri | *DOC Valle d'Aosta o Vallée d'Aoste* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Garibaldi Dolce (jew GD) | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Governo all'uso toscano | *DOCG Chianti / Chianti Classico*<br><br>*IGT Colli della Toscana Centrale* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI* | *Taljan* |
| Gutturnio | *DOC Colli Piacentini* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Italia Particolare (jew IP) | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Klassisch / Klassisches Ursprungsgebiet | *DOC Caldaro*<br><br>*DOC Alto Adige (bl-isem Santa Maddalena e Terlano)* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Kretzer | *DOC Alto Adige*<br><br>*DOC Trentino*<br><br>*DOC Teroldego Rotaliano* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Lacrima | *DOC Lacrima di Morro d'Alba* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Lacryma Christi | *DOC Vesuvio* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Lambiccato | *DOC Castel San Lorenzo* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| London Particolar (jew LP jew Inghilterra) | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Morellino | *DOC Morellino di Scansano* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Occhio di Pernice | *DOC Bolgheri, Vin Santo Di Carmignano, Colli dell'Etruria Centrale, Colline Lucchesi, Cortona, Elba, Montecarlo, Monteregio di Massa Maritima, San Gimignano, Sant'Antimo, Vin Santo del Chianti, Vin Santo del Chianti Classico, Vin Santo di Montepulciano* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Oro | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Pagadebit | *DOC pagadebit di Romagna* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta'* | *Taljan* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *kwalità psr* | |
| Passito | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda bil-GI* | *Taljan* |
| Ramie | *DOC Pinerolese* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Rebola | *DOC Colli di Rimini* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Recioto | *DOC Valpolicella*<br><br>*DOC Gambellara*<br><br>*DOCG Recioto di Soave* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Riserva | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Rubino | *DOC Garda Colli Mantovani*<br><br>*DOC Rubino di Cantavenna*<br><br>*DOC Teroldego Rotaliano*<br><br>*DOC Trentino* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Rubino | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Sangue di Giuda | *DOC Oltrepò Pavese* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Scelto | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Sciacchetrà | *DOC Cinque Terre* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Sciac-trà | *DOC Pornassio o Ormeasco di Pornassio* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Sforzato, Sfursàt | *DO Valtellina* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Spätlese | *DOC / IGT de Bolzano* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Soleras | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Stravecchio | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Strohwein | *DOC / IGT de Bolzano* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Superiore | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid* | *Taljan* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr* | |
| Superiore Old Marsala (jew SOM) | *DOC Marsala* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Torchiato | *DOC Colli di Conegliano* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Torcolato | *DOC Breganze* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Vecchio | *DOC Rosso Barletta, Aglianico del Vuture, Marsala, Falerno del Massico* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Vendemmia Tardiva | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid tal-mejda b'GI* | *Taljan* |
| Verdolino | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI* | *Taljan* |
| Vergine | *DOC Marsala*<br><br>*DOC Val di Chiana* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Vermiglio | *DOC Colli dell Etruria Centrale* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Vino Fiore | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Vino Nobile | *Vino Nobile di Montepulciano* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |
| Vino Novello o Novello | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI* | *Taljan* |
| Vin santo, Vino Santo/Vinsanto | *DOC et DOCG Bianco dell'Empolese, Bianco della Valdinievole, Bianco Pisano di San Torpé, Bolgheri, Candia dei Colli Apuani, Capalbio, Carmignano, Colli dell'Etruria Centrale, Colline Lucchesi, Colli del Trasimeno, Colli Perugini, Colli Piacentini, Cortona, Elba, Gambellera, Montecarlo, Monteregio di Massa Maritima, Montescudaio, Offida, Orcia, Pomino, San Gimignano, San'Antimo, Val d'Arbia, Val di Chiana, Vin Santo del Chianti, Vin Santo del Chianti Classico, Vin Santo di Montepulciano, Trentino* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Taljan* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vivace | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda bil-GI* | *Taljan* |

| ĊIPRU | | | |
|---|---|---|---|
| Οίνος Ελεγχόμενης Ονομασίας Προέλευσης<br><br>(ΟΕΟΠ) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Grieg* |
| Τοπικός Οίνος<br><br>(Inbid Reġjonali) | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Grieg* |
| Μοναστήρι (Monastiri) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Grieg* |
| Κτήμα (Ktima) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Grieg* |
| Αμπελώνας (-ες)<br><br>(Ampelonas (-es)) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Grieg* |
| Μονή (Moni) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Grieg* |

| IL-LUSSEMBURGU | | | |
|---|---|---|---|
| Marque nationale | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Franċiż* |
| Appellation contrôlée | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Franċiż* |
| Appellation d'origine controlée | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Franċiż* |
| Vin de pays | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Franċiż* |
| Grand premier cru | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Franċiż* |
| Premier cru | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Franċiż* |
| Vin classé | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Franċiż* |
| Château | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Franċiż* |

| L-UNGERIJA | | | |
|---|---|---|---|
| minőségi bor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| különleges minőségű bor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| fordítás | *Tokaj / -i* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| máslás | *Tokaj / -i* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| szamorodni | *Tokaj / -i* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| aszú … puttonyos, *completed by the numbers 3-6* | *Tokaj / -i* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| aszúeszencia | *Tokaj / -i* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| eszencia | *Tokaj / -i* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| tájbor | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Ungeriż* |
| bikavér | *Eger, Szekszárd* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| késői szüretelésű bor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| válogatott szüretelésű bor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| muzeális bor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |
| siller | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI u inbid ta' kwalità psr* | *Ungeriż* |

| L-AWSTRIJA | | | |
|---|---|---|---|
| Qualitätswein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Qualitätswein besonderer Reife und Leseart / Prädikatswein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Qualitätswein mit staatlicher Prüfnummer | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Ausbruch / Ausbruchwein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Auslese / Auslesewein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Beerenauslese (wein) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Eiswein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Kabinett / Kabinettwein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Schilfwein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Spätlese / Spätlesewein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Strohwein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Trockenbeerenauslese | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Landwein | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | |
| Ausstich | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Auswahl | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Bergwein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Klassik / Classic | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Erste Wahl | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Hausmarke | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Heuriger | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Jubiläumswein | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Reserve | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Ġermaniż* |
| Schilcher | *Steiermark* | *Inbid ta' kwalità psr u nbid tal-mejda b'GI* | *Ġermaniż* |
| Sturm | *Kollha* | *Most ta' l-għeneb parzjalment iffermentat b'GI* | *Ġermaniż* |

| IL-PORTUGALL | | | |
|---|---|---|---|
| Denominação de origem (DO) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Denominação de origem controlada (DOC) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Indicação de proveniencia regulamentada (IPR) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Vinho doce natural | *Kollha* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Vinho generoso | *DO Porto, Madeira, Moscatel de Setúbal, Carcavelos* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Vinho regional | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Portugiż* |
| Canteiro | *DO Madeira* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Colheita Seleccionada | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI* | *Portugiż* |
| Crusted / Crusting | *DO Porto* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Ingliż* |
| Escolha | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI* | *Portugiż* |
| Escuro | *DO Madeira* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Fino | *DO Porto*<br><br>*DO Madeira* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Frasqueira | *DO Madeira* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Garrafeira | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'GI*<br><br>*Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Lágrima | *DO Porto* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Leve | *Inbid tal-mejda b'GI Estremadura u Ribatejano*<br><br>*DO Madeira, DO Porto* | *Inbid tal-mejda b'GI*<br><br>*Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nobre | *DO Dão* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Reserva | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid likuruż ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid tal-mejda b'GI* | *Portugiż* |
| Reserva velha (jew grande reserva) | *DO Madeira* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Ruby | *DO Porto* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Ingliż* |
| Solera | *DO Madeira* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Super reserva | *Kollha* | *Inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Portugiż* |
| Superior | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, Inbid likuruż ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda bil-GI* | *Portugiż* |
| Tawny | *DO Porto* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Ingliż* |
| Annata ssupplementata minn Late Bottle (LBV) jew Character | *DO Porto* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Ingliż* |
| Annata | *DO Porto* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Ingliż* |

| IS-SLOVENJA | | | |
|---|---|---|---|
| Penina | *Kollha* | *Inbid frizzanti ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| pozna trgatev | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| izbor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| jagodni izbor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| suhi jagodni izbor | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| ledeno vino | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| arhivsko vino | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| mlado vino | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| Cviček | *Dolenjska* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |
| Teran | *Kras* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Sloven* |

| IS-SLOVAKKJA | | | |
|---|---|---|---|
| forditáš | *Tokaj / -ská / -ský / -ské* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Slovakk* |
| mášláš | *Tokaj / -ská / -ský / -ské* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Slovakk* |
| samorodné | *Tokaj / -ská / -ský / -ské* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Slovakk* |
| výber … putňový, *ikkompletat bin-numri 3-6* | *Tokaj / -ská / -ský / -ské* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Slovakk* |
| výberová esencia | *Tokaj / -ská / -ský / -ské* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Slovakk* |
| esencia | *Tokaj / -ská / -ský / -ské* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Slovakk* |

| IL-BULGARIJA | | | |
|---|---|---|---|
| Гарантирано наименование за произход (ГНП)<br>(titolu ta' oriġini garantit) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr u nbid likuruż ta' kwalità psr* | *Bulgaru* |
| Гарантирано и контролирано наименование за произход (ГКНП)<br>*(titolu ta' oriġini garantit* | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr, inbid semi-frizzanti ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr u nbid likuruż ta'* | *Bulgaru* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *u kkontrollat)* | | *kwalità psr* | |
| Благородно сладко вино (БСВ)<br>(inbid ħelu nobbli) | *Kollha* | *Inbid likuruż ta' kwalità psr* | *Bulgaru* |
| регионално вино<br>*(Inbid Reġjonali)* | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Bulgaru* |
| *Ново*<br>*(mhux matur)* | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr*<br>*Inbid tal-mejda b'GI* | *Bulgaru* |
| Премиум<br>(*premium)* | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Bulgaru* |
| Резерва<br>(*riżerva*) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr*<br>*Inbid tal-mejda b'GI* | *Bulgaru* |
| Премиум резерва<br>(*riżerva premium)* | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Bulgaru* |
| Специална резерва<br>(*riżerva speċjali*) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Bulgaru* |
| Специална селекция (selezzjoni speċjali) | Kollha | Inbid ta' kwalità psr | Bulgaru |
| Колекционно (*kollezzjoni*) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Bulgaru* |
| Премиум оук, или първо зареждане в бъчва<br>(*premium oak)* | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Bulgaru* |
| Беритба на презряло грозде<br>(annatat ta' għeneb misjur żejjed) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Bulgaru* |
| Розенталер<br>(*Rosenthaler)* | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Bulgaru* |

| IR-RUMANIJA | | | |
|---|---|---|---|
| Vin cu denumire de origine controlată | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Rumen* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| (D.O.C.) | | | |
| Cules la maturitate deplină (C.M.D.) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Rumen* |
| Cules târziu (C.T.) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Rumen* |
| Cules la înnobilarea boabelor (C.I.B.) | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Rumen* |
| Vin cu indicație geografică | *Kollha* | *Inbid tal-mejda b'GI* | *Rumen* |
| Rezervă | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Rumen* |
| Vin de vinotecă | *Kollha* | *Inbid ta' kwalità psr* | *Rumen* |

*APPENDIĊI 3*

*LISTA TA' PUNTI TA' KUNTATT*

Kif imsemmija fl-Artikolu 12 ta' l-Anness II tal-Protokol 2

**(a) Il-Montenegro**

Is-Sinjura Ljiljana Simovic, konsulenta għall-kooperazzjoni internazzjonali

Ministeru ta' l-Agrikultura, il-Foresterija u l-Ġestjoni ta' l-Ilma

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Montenegro
Rimski trg 46, 81000 Podgorica
Tel: +381 81 48 22 71;
Faks: +381 81 23 43 71;
Email: ljiljanas@mn.yu; radanad@mn.yu

**(b) Il-Komunità**

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali ta' l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Direttorat B Affarijiet Internazzjonali II

Il-Kap ta' l-Unità B.2 Tkabbir

B-1049 Bruxelles/Brussel

Il-Belġju

Telefon: +32 2 299 11 11

Faks: +32 2 296 62 92

E-mail: AGRI KE Montenegro kummerċ fl-inbid

# PROTOKOLL 3
# DWAR ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW" U METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-APPLIKAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ U L-MONTENEGRO

WERREJ


**TITOLU I** **DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

Artikolu 1 Definizzjonijiet

**TITOLU II** **DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW"**

Artikolu 2 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 3 Kumulazzjoni fil-Komunità

Artikolu 4 Kumulazzjoni fil-Montenegro

Artikolu 5 Prodotti miksuba għal kollox

Artikolu 6 Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

Artikolu 7 Ħidma jew ipproċessar li mhumiex biżżejjed

Artikolu 8 Unità ta' kwalifika

Artikolu 9 Aċċessorji, *spare parts* u għodda

Artikolu 10 Settijiet

Artikolu 11 Elementi newtrali

**TITOLU III** **REKWIŻITI TERRITORJALI**

Artikolu 12 Prinċipju ta' territorjalita

Artikolu 13 Trasport dirett

Artikolu 14 Wirjiet

**TITOLU IV TEĦID LURA JEW EŻENZJONI**

Artikolu 15 Projbizzjoni minn teħid lura ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali

**TITOLU V PROVA TA' ORIĠINI**

Artikolu 16 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 17 Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1

Artikolu 18 Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament

Artikolu 19 Ħruġ ta' ċertifikat duplikat ta' moviment EUR.1

Artikolu 20 Ħruġ ta' ċertifikati ta' movement EUR.1 fuq il-bażi ta' prova ta' l-oriġini
maħruġa jew magħmula qabel

Artikolu 21 Firda fil-kontabbiltà

Artikolu 22 Kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' fattura

Artikolu 23 Esportatur approvat

Artikolu 24 Validita tal-prova ta' oriġini

Artikolu 25 Sottomissjoni ta' prova ta' oriġini

Artikolu 26 Importazzjoni bin-nifs

Artikolu 27 Eżenzjonijiet minn prova ta' oriġini

Artikolu 28 Dokumenti ta' sostenn

Artikolu 29 Preservazzjoni ta' prova ta' oriġini u dokumenti ta' sostenn

Artikolu 30 Diskrepanzi u żbalji formali

Artikolu 31 Ammonti espressi f'euro

**TITOLU VI ARRANĠAMENTI GĦALL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

Artikolu 32 Assistenza reċiproka

Artikolu 33 Verifika ta' provi ta' oriġini

Artikolu 34 Soluzzjoni tat-tilwim

Artikolu 35 Penalijiet

Artikolu 36 Żoni ħielsa

**TITOLU VII CEUTA U MELILLA**

Artikolu 37 Applikazzjoni tal-Protokoll

Artikolu 38 Kondizzjonijiet speċjali

**TITOLU VIII DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

Artikolu 39 Emendi għall-Protokoll

**Lista ta' Annessi**

Anness I: Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

Anness II: List ta' ħidma jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li m'għandhomx l-oriġini sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb l-istatus ta' prodott li joriġina

Anness III: Eżempji ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 u applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR.1

Anness IV: Test tad-dikjarazzjoni ta' fattura

**Dikjarazzjonijiet Konġunti**

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Prinċipalità ta' Andorra

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) 'manifattura' tfisser kull xorta ta' xogħol jew proċessar inklużi l-assemblaġġ jew ħidmiet speċifiċi;

(b) 'materjal' tfisser kull ingredjent, materjal mhux maħdum, komponent jew parti, eċċ., użat fil-fabbrikazzjoni tal-prodott;

(c) 'prodott' tfisser il-prodott li jkun fabbrikat, anke jekk ikun maħsub għal użu aktar tard f'xi operazzjoni ta' fabbrikazzjoni oħra;

(d) "merkanzija" tfisser kemm materjali u prodotti;

(e) "valur doganali" tfisser il-valur kif determinat skond il-Ftehim ta' l-1994 dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO dwar il-valutazzjoni doganali);

(f) "prezz *ex-works*" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott *ex-works* lill-manifattur fil-Komunità jew fil-Montenegro li l-aħħar ħidma jew proċessar saru fl-intrapriża tiegħu, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, b' kull taxxa interna li tiġi, jew li tista' tiġi, imħallsa lura meta l-prodott li jinkiseb jiġi esportat mnaqqsa minnu;

(g) "valur ta' materjali" tfisser il-valur doganali meta jiġu importati l-materjali li ma joriġinawx li huma użati, jew, jekk dan mhuwiex magħruf u ma jistax jiġi vverifikat, l-prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fil-Komunità jew fil-Montenegro;

(h) "il-valur tal-materjali li joriġinaw" tfisser il-valur doganali ta' tali materjali kif definit fis-subparagrafu (g) applikat *mutatis mutandis*;

(i) "valur miżjud" hija l-prezz *ex-works* bl-esklużjoni bil-valur doganali ta' kull wieħed mill-materjali inkorporati li joriġina fil-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 mnaqqas minnu jew, meta l-valur doganali mhuwiex magħruf jew ma jistax jiġi vverifikat, l-ewwel prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fil-Komunità jew fil-Montenegro;

(j) "kapitoli" u "intestaturi" tfisser il-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi ta' erba' figuri) użati fin-nomenklatura li tifforma d-Deskrizzjoni Armonizzata ta' l-Oġġetti u s-Sistema tal-Kodifika, li f'dan il-Protokoll hija msejħa "is-Sistema Armonizzata" jew "SA";

(k) "klassifikat" tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt xi intestatura partikolari;

(l) “kunsinna” tfisser il-prodotti li jkunu ġew mibgħuta jew simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn kunsinnatarju wieħed jew koperti b'dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ispedizzjoni tagħhom mingħand l-esportatur lejn il-kunsinnatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura waħda;

(m) "territorji" tinkludi l-ibħra territorjali.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW"

*Artikolu 2*

**Rekwiżiti ġenerali**

1. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw fil-Komunità:

(a) prodotti miksuba kollha kemm huma fil-Komunità, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5;

(b) prodotti miksuba fil-Komunità li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba kollha kemm huma fil-Komunità, sakemm tali materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fil-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

2. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw fil-Montenegro:

(a) prodotti miksuba kollha kemm huma fil-Montenegro, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5;

(b) prodotti miksuba fil-Montenegro li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba kollha kemm huma hemmhekk, sakemm tali materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fil-Montenegro skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

*Artikolu 3*

**Kumulazzjoni fil-Komunità**

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(1), sakemm il-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fil-Komunità jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, jekk xi prodotti jinkisbu fil-Komunità, filwaqt li jinkorporaw materjali li joriġinaw fil-Montenegro, fil-Komunità jew fi kwalunkwe pajjiż li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea[1], dawn il-prodotti ser jiġu kkunsidrati li joriġinaw fil-Komunità. M'huwiex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali ikun għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.

2. Meta l-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fil-Komunità ma jkunx imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu biss jiġi kkunsidrat bħala li joriġina fil-Komunità meta l-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali

[1] Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali f'April 1997 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 1999 dwar l-istabbiliment ta' proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

użati li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jiġi kkunsidrat li joriġina fil-pajjiż li minnu jkun ġej l-ogħla valur tal-materjali li joriġinaw użati fil-manifattura fil-Komunità.

3. Dawk il-prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija fil-paragrafu 1, li ma jkunux suġġetti għal ħidma jew ipproċessar fil-Komunità, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi jew territorji.

4. Il-kumulazzjoni taħt dan l-Artikolu tista' tiġi applikata biss sakemm:

(a) ikun applikabbli ftehim ta' kummerċ preferenzjali skond l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) bejn il-pajjiżi u t-territorji involuti fl-akkwist ta' status ta' prodott bħala prodott li joriġina u l-pajjiż ta' destinazzjoni;

(b) il-materjali u l-prodotti akkwistaw l-istatus ta' materjali u prodotti li joriġinaw bl-applikazzjoni ta' regoli ta' oriġini li huma identiċi għal dawk stabbiliti f'dan il-Protokoll;

u

(c) ġew ippubblikati avviżi li jindikaw li r-rekwiżiti neċessarju biex tiġi applikata l-kumulazzjoni ġew sodisfatti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje C) u fil-Montenegro skond il-proċeduri tagħha.

Il-kumulazzjoni taħt dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data msemmija fl-avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje C).

Il-Komunità għandha tipprovdi lill-Montenegro, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, bid-dettalji tal-Ftehimiet, flimkien mar-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1.

Il-prodotti fl-Anness V għandhom jiġu esklużi mill-kumulazzjoni taħt dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

***Kumulazzjoni fil-Montenegro***

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(2), sakemm il-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fil-Montenegro jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, jekk xi prodotti jinkisbu fil-Montenegro, filwaqt li jinkorporaw materjali li joriġinaw fil-Komunità, fil-Montenegro jew fi kwalunkwe pajjiż li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea[2], dawn il-prodotti ser

[2] Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali f'April 1997 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 1999 dwar l-istabbiliment ta' proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

jiġu kkunsidrati li joriġinaw fil-Montenegro. M'huwiex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.

2. Meta l-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fil-Montenegro ma jkunx imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu biss jiġi kkunsidrat bħala li joriġina fil-Montenegro meta l-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jiġi kkunsidrat li joriġina fil-pajjiż li minnu jkun ġej l-ogħla valur tal-materjali li joriġinaw użati fil-manifattura fil-Montenegro.

3. Dawk il-prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija fil-paragrafu 1, li ma jkunux suġġetti għal ħidma jew ipproċessar fil-Montenegro, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi jew territorji.

4. Il-kumulazzjoni taħt dan l-Artikolu tista' tiġi applikata biss sakemm:

(a) ikun applikabbli ftehim ta' kummerċ preferenzjali skond l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) bejn il-pajjiżi u t-territorji involuti fl-akkwist ta' status ta' prodott bħala prodott li joriġina u l-pajjiż ta' destinazzjoni;

(b) il-materjali u l-prodotti akkwistaw l-istatus ta' materjali u prodotti li joriġinaw bl-applikazzjoni ta' regoli ta' oriġini li huma identiċi għal dawk stabbiliti f'dan il-Protokoll;

u

(c) ġew ippubblikati avviżi li jindikaw li r-rekwiżiti neċessarju biex tiġi applikata l-kumulazzjoni ġew sodisfatti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje C) u fil-Montenegro skond il-proċeduri tagħha.

Il-kumulazzjoni taħt dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data msemmija fl-avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje C).

Il-Montenegro għandha tipprovdi lill-Komunità, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, bid-dettalji tal-Ftehimiet, flimkien mad-dati tad-dħul fis-seħħ tagħhom u mar-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1.

Il-prodotti fl-Anness V għandhom jiġu esklużi mill-kumulazzjoni taħt dan l-Artikolu.

*Artikolu 5*

**Prodotti miksuba għal kollox**

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba kollha kemm huma fil-Komunità jew fil-Montenegro:

(a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;

(b) prodotti tal-ħxejjex maħsuda hemmekk;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti li ġejjin minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

(e) prodotti akkwistati mill-kaċċa jew mis-sajd imwettqa hemmhekk;

(f) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħrajn meħuda mill-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali tal-Komunità jew tal-Montenegro bil-bastimenti tagħhom;

(g) prodotti magħmula abbord id-dgħajjes-fabbrika tagħhom esklussivament mill-prodotti msemmija f'(f);

(h) oġġetti użati miġbura hemmhekk tajbin biss għall-irkupru ta' materji prima, inklużi tajers użati adattati biss biex jitfellilhom mill-ġdid il-wiċċ ta' barra jew għal użu bħala skart;

(i) skart u ruttam li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura li jseħħu hemmhekk;

(j) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew is-saff ta' taħt il-ħama 'l barra mill-ibħra territorjali tagħhom sakemm ikollhom id-drittijiet esklussivi li jaħdmu dak il-qiegħ jew dak is-saff ta' taħt il-ħama;

(k) prodotti magħmula esklussivament hemmhekk minn prodotti speċifikati f'(a) sa (j).

2. Il-kliem "il-bastimenti tagħhom" u "id-dgħajjes-fabbrika tagħhom" fil-paragrafu 1(f) u (g) għandhom japplikaw biss għal bastimenti u dgħajjes-fabbriki:

(a) li huma rreġistrati jew iskritti fi Stat Membru tal-Komunità jew fil-Montenegro,

(b) li jbaħħru bil-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità jew tal-Montenegro,

(c) li huma l-proprjetà sal-limitu ta' mill-anqas 50% minn ċittadini ta' l-Istat Membru tal-Komunità jew tal-Montenegro, jew minn kumpannija li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'wieħed minn dawk l-Istati, li d-diriġenti tagħha, iċ-*Chairman* tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord tas-Superviżjoni tagħha u l-maġġoranza tal-membri ta' tali bordijiet ikunu ċittadini ta' Stati Membru tal-Komunità jew tal-Montenegro, u li minnhom, barra minn dan, fil-każ ta' soċjetajiet kummerċjali jew kumpanniji b'responsabbiltà limitata, mill-anqas nofs il-kapital ikun proprjetà ta' dawk l-Istati jew ta' korpi pubbliċi jew ta' ċittadini ta' l-Istati msemmija;

(d) li l-kaptan u l-uffiċjali tagħhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew tal-Montenegro,

u

(e) li mill-anqas 75 fil-mija ta' l-ekwipaġġ tagħhom ikunu persuni ta' nazzjonalità ta' l-Istati Membri tal-Komunità jew tal-Montenegro.

*Artikolu 6*

**Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed**

1. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 2, prodotti li m'humiex miksuba kollha kemm huma huma kkunsidrati li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed meta l-kondizzjonijiet elenkati fil-lista fl-Anness II jiġu sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq jindikaw, għall-prodotti kollha koperti bil-Ftehim, il-ħidma jew l-ipproċessar li għandhom jitwettqu fuq materjali li ma joriġinawx u li huma użati fil-manifattura u japplikaw biss fir-rigward ta' materjali bħal dawn. Minn dan isegwi li jekk prodott li kiseb status ta' prodott li joriġina billi ssodisfa l-kondizzjonijiet msemmija fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li jiġi inkorporat fih ma japplikawx għalih, u l-materjali li ma joriġinawx li setgħu intużaw fil-manifattura tiegħu m'għandhomx jittieħdu in kunsiderazzjoni.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, materjali li ma joriġinawx li, skond il-kondizzjonijiet msemmija fil-lista, m'għandhomx jiġu użati fil-manifattura ta' prodott jistgħu madanakollu jiġu użati, sakemm:

(a) il-valur totali tagħhom ma jkunx jeċċedi l-10 fil-mija tal-prezz ex-works tal-prodott;

(b) l-ebda wieħed mill-perċentwali mogħtija fil-lista għall-valur massimu ta' materjali li ma joriġinawx ma jinqabeż bl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7.

*Artikolu 7*

**Ħidma jew ipproċessar li mhumiex biżżejjed**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ħidma jew ipproċessar li mhumiex biżżejjed biex jingħatalhom l-istatus ta' prodotti li joriġinaw, kemm jekk ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 6 jiġu sodisfatti u kemm jekk le:

(a) operazzjonijiet ta' konservazzjoni li jiżguraw li l-prodotti jibqgħu f'kondizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;

(b) ħatt u mmuntar ta' pakki;

(c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa, jew kisi ieħor;

(d) mogħdija jew ippressar ta' tessuti;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa jew illustrar;

(f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar parzjali jew totali, illustrar u gglejżjar ta' ċereali u ross;

(g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kulur liz-zokkor jew sabiex jiġu ffurmati ċangaturi taz-zokkor;

(h) tqaxxir u tneħħija ta' l-għadam tal-frott, lewż u ħaxix;

(i) tisnin, immular u qtugħ sempliċi;

(j) tgħarbil, skrinjar, issortjar, klassifikazzjoni, tqabbil; (inkluż il-kompożizzjoni ta' settijiet ta' oġġetti); (k)

(k) operazzjonijiet sempliċi ta' tqegħid fi fliexken, laned, flasks, kaxxetti, kaxex, immuntar fuq kartelli jew kartun u kull operazzjoni sempliċi ta' ppakkjar;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjal simili ta' distinzjoni fuq il-prodotti jew l-ippakkjar tagħhom;

(m) taħlit sempliċi tal-prodotti, kemm jekk ikunu ta' l-istess tip u kemm jekk le; taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe materja ieħor;

(n) armar sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex isir oġġett sħiħ jew żarmar ta' prodott biex isir biċċiet;

(o) tagħqid ta' tnejn jew aktar mill-operazzjonijiet speċifikati f'(a) sa (n);

(p) il-qatla ta' l-annimali.

2. L-operazzjonijiet kollha li jitwettqu fuq prodott speċifikat fil-Komunità jew fil-Montenegro għandhom jitqiesu flimkien meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħal insuffiċjenti skond it-tifsira tal-paragrafu 1.

*Artikolu 8*

**Unità ta' kwalifika**

1. L-unità ta' kwalifikazzjoni għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandu jkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Minn dan joħroġ li:

(a) meta prodott magħmul minn grupp jew numru ta' oġġetti jkun ikklassifikat skond it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, dan jifforma unità ta' kwalifikazzjoni kollu kemm hu;

(b) meta konsenja tkun magħmula minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2. Meta, skond ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, għandu jkun inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' l-oriġini.

*Artikolu 9*

**Aċċessorji, *spare parts* u għodda**

Aċċessorji, spare parts u għodod mibgħuta ma' xi tagħmir, magna, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz, jew li ma jkunux fatturati separatament, għandhom jitqiesu bħala parti integra tat-tagħmir, magna, apparat jew vettura in kwistjoni.

*Artikolu 10*

**Settijiet**

Settijiet, kif imfissra fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw meta l-komponenti kollha jkunu joriġinaw. Minkejja dan, meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u prodotti mhux oriġinarji, is-sett bħala entità sħiħa għandu jitqies bħala oriġinarju, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbiżx 15% tal-prezz ex-fabbrika tas-sett.

*Artikolu 11*

**Elementi newtrali**

Sabiex ikun iddeterminat jekk prodott ikunx joriġina, ma huwiex meħtieġ li jkun determinat l-oriġini ta' dawn li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) enerġija u fjuwil;

(b) impjant u tagħmir:

(c) makkinarju u għodda;

(d) oġġetti li ma' jidħlux, u mhux maħsuba li jidħlu, fil-kompożizzjoni tal-prodott.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

*Artikolu 12*

**Prinċipju ta' territorjalita**

1. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 3 u 4 u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet sabiex jinkiseb status ta' oriġini li jinsabu fit-Titolu II għandhom ikunu sodisfatti mingħajr interruzzjoni fil-Komunità jew fil-Montenegro.

2. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 3 u 4, meta oġġetti li joriġinaw li huma esportati mill-Komunità jew mill-Montenegro lejn pajjiż ieħor jirritornaw, għandhom jitqiesu bħala li ma joriġinawx, sakemm ma jkunx jista' jintwera, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana, li:

(a) l-oġġetti li jirritornaw huma l-istess bħal dawk esportati;

u

(b) ma saritilhom l-ebda operazzjoni aktar minn dak meħtieġ sabiex ikunu ppriservati waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt l-esportazzjoni.

3. L-akkwist ta' status ta' prodott li joriġina skond il-kundizzjonijiet stipulati fit-Titolu II m'għandux ikun effettwat minn xogħol jew ipproċessar li sar barra mill-Komunità jew mill-Montenegro fuq materjali esportati mill-Komunità jew mill-Montenegro u, sussegwentement, impurtati lura hemm mill-ġdid, sakemm:

(a) il-materjali msemmija jkunu miksuba kompletament fil-Komunità jew fil-Montenegro jew ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 qabel ma jkunu esportati;

u

(b) ikun jista' jintwera, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana, li:

(i) l-oġġetti impurtati mill-ġdid ikunu nkisbu billi sar xogħol jew ipproċesar fuq il-materjali esportati;

u

ii) il-valur miżjud totali miksub barra mill-Komunità jew mill-Montenegro bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jkunx aktar minn 10 fil-mija tal-prezz ex-works tal-prodott finali li għalih qed jintalab l-istatus ta' prodott li joriġina.

4. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 3, il-kundizzjonijiet sabiex jinkiseb l-istatus ta' prodott li joriġina msemmija fit-Titolu II m'għandhomx japplikaw għall-ħidma u l-ipproċessar li jitwettaq barra mill-Komunità jew mill-Montenegro. Iżda, fejn, fil-lista fl-Anness II, tiġi applikata regola li tistabbilixxi valur massimu għall-materjali kollha li ma joriġinawx li huma inkorporati fid-determinazzjoni ta' l-istatus ta' prodott li joriġina tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali li ma joriġinawx inkorporati fit-territorju tal-parti kkonċernata, meħuda flimkien mal-valur miżjud miksub barra mill-Komunità jew mill-Montenegro bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, m'għandux ikun aktar mill-perċentwali msemmija.

5. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, 'valur miżjud totali" għandu jfisser l-ispejjeż kollha li jinqalgħu barra mill-Komunità jew mill-Montenegro, inkluż il-valur tal-materjali inkorporati hemmhekk.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 m'għandhomx japplikaw għal prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Anness II jew li jistgħu jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed fil-każ biss li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 6(2).

7. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 m'għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli minn 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

8. Kull ħidma jew ipproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu u magħmula barra mill-Komunità jew il-Montenegro għandhom isiru taħt l-arranġamenti dwar l-ipproċessar estern, jew arranġamenti simili.

*Artikolu 13*

**Trasport dirett**

1. It-trattament preferenzjali previst minn dan il-Ftehim japplika biss għal prodotti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll, li huma ttrasportati direttament bejn il-Komunità u l-Montenegro jew li jgħaddu mit-territorji ta' pajjiżi oħra jew mit-territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Madanakollu, prodotti li jikkostitwixxu kunsinna waħda biss jistgħu jiġu ttrasportati minn territorji oħra u, jekk ikun il-każ, bit-trasbord jew bil-ħażna temporanja f'territorji bħal dawn, sakemm jibqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet tad-dwana fil-pajjiż tat-tranżitu jew tal-ħażna u sakemm ma jkunux suġġetti għal operazzjonijiet barra dawk ta' ħatt, tgħabija mill-ġdid jew xi operazzjoni maħsuba biex iżżommhom f'kondizzjoni tajba.

Prodotti li joriġinaw jistgħu jiġu ttrasportati permezz ta' *pipeline* li jgħaddi minn territorju li mhuwiex dak tal-Komunità jew tal-Montenegro.

2. Għandha tiġi pprovduta evidenza lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ġew sodisfatti permezz tal-produzzjoni ta':

(a) dokument uniku tat-trasport li jkopri l-passaġġ mill-pajjiż ta' l-esportazzjoni u li jgħaddi mill-pajjiż tat-tranżitu; jew

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tat-tranżitu;

(i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;

(ii) li jistqarr id-dati tal-ħatt u tat-tgħabija mill-ġdid tal-prodotti u, meta applikabbli, l-ismijiet tal-vapuri jew tal-mezzi l-oħrajn tat-trasport użati;

u

(iii) li jiċċertifika l-kundizzjonijiet li taħthom il-prodotti baqgħu fil-pajjiż tat-tranżitu; jew

(c) fin-nuqqas ta' dawn, kull dokument ieħor ta' prova.

*Artikolu 14*

**Wirjiet**

1. Prodotti li joriġinaw, li jintbagħtu għal wirja f'pajjiż li mhuwiex wieħed minn dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikoli 3 u 4 u li jinbiegħu wara l-wirja sabiex jiġu importati fil-Komunità jew fil-Montenegro għandhom, meta jiġu importati, igawdu mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim sakemm jintwera għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana li:

(a) dawn il-prodotti mill-Komunità jew mill-Montenegro ġew ikkunsinnati fil-pajjiż fejn tinżamm il-wirja u ġew eżibiti hemmhekk minn esportatur;

(b) dak l-esportatur biegħ il-prodotti, jew iddispona minnhom b'xi mod ieħor, lil persuna fil-Komunità jew fil-Montenegro;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkunsinnati matul il-wirja jew immedjetament warajha fl-Istat fejn kienu intbagħtu għall-wirja;

u

(d) il-prodotti ma ġewx, minn meta kienu kkunsinnati għall-wirja, użati għal xi skop apparti bħala dimostrazzjoni fil-wirja.

2. Għandha tiġi maħruġa jew magħmula prova ta' oriġini skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V u mogħtija lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' l-importazzjoni bil-manjiera n-normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom jiġu indikati fiha. Fejn ikun meħtieġ, tista' tinħtieġ evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li taħthom ġew eżibiti l-prodotti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tas-snajja, fiera jew wirja pubblika simili li ma tkunx organizzata għal għanijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-negozju bl-għan tal-bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana.

TITOLU IV

TEĦID LURA JEW EŻENZJONI

*Artikolu 15*

**Projbizzjoni minn teħid lura ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali**

1. Materjali li ma joriġinawx li huma użati fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Montenegro jew f'wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li għalihom inħarġet jew saret prova ta' oriġini skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V m'għandhomx ikunu soġġetti, fil-Komunità jew fil-Montenegro, għar-rifużjoni ta', jew għall-eżenzjoni minn, dazji doganali ta' kwalunkwe tip.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kull arranġament għal ħlas lura, tnaqqis jew pagament li ma jsirx, parzjalment jew totalment, tad-dazji jew drittijiet doganali b'effett ekwivalenti, applikabbli fil-Komunità jew fil-Montenegro għal materjali użati fil-manifattura, meta tali ħlas lura, tnaqqis jew pagament li ma jsirx, japplika, espressament jew effettivament, meta l-prodotti li jkunu nkisbu mill-materjali msemmija jiġa esportati u mhux meta jinżammu għall-użu fid-dar hemmhekk.

3. L-esportatur ta' prodotti koperti bi prova ta' oriġini għandu jkun lest li jippreżenta f'kull waqt, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li jagħtu prova li ma nkisbet l-ebda rifużjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura tal-prodotti kkonċernati u li d-dazji jew id-drittijiet doganali kollha b'effett ekwivalenti applikabbli għal tali materjali fil-fatt tħallsu.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ippakkjar skond it-tifsira ta' l-Artikolu 8(2), aċċessorji, *spare parts* u għodda skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9 u prodotti f'sett skond it-tifsira ta' l-Artikolu 10 meta tali oġġetti ma jkunux joriġinaw.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali li huma tat-tip li japplika għalihom il-Ftehim. Barra minn hekk, m'għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni ta' sistema ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni għal prodotti agrikoli, applikabbli fil-mument ta' l-esportazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

TITOLU V

PROVA TA' ORIĠINI

*Artikolu 16*

**Rekwiżiti ġenerali**

1. Prodotti li joriġinaw fil-Komunità għandhom, fil-mument ta' l-importazzjoni tagħhom fil-Montenegro u prodotti li joriġinaw fil-Montenegro għandhom, fil-mument ta' l-importazzjoni tagħhom fil-Komunità jgawdu mill-Ftehim mal-preżentazzjoni ta' jew:

(a) ċertifikat ta' moviment EUR.1, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness III; jew

(b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 21(1), dikjarazzjoni, iktar 'il quddiem imsejħa "id-dikjarazzjoni ta' fattura", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota ta' kunsinna jew kull dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati it-test tad-dikjarazzjoni ta' fattura jidher fl-Anness IV.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-prodotti li joriġinaw skond it-tifsira ta' dan il-Protokoll, għandhom, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikolu 27, igawdu mill-Ftehim mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi ppreżentat kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija aktar 'il fuq.

*Artikolu 17*

**Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1**

1. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur wara li ssir applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà ta' l-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew kemm iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 kif ukoll il-formola ta' l-applikazzjoni, li hemm kampjuni tagħhom fl-Anness 3. Dawn il-formoli għandhom jimtlew f'wieħed mill-ilsna li tfassal fihom il-Ftehim u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż esportatur. Jekk miktuba bl-idejn, għandhom jimtlew bil-linka b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa rriservata għal dan il-għan minghajr ma jitħallew xi linji vojta. Meta l-kaxxa ma timtelax kompletament, għandha tinġibed linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, bl-ispazju vojt maqtugħ.

3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jkun ippreparat sabiex jissottometti, f'kull ħin, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur fejn jinħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li

jippruvaw li l-istat bħala prodotti li joriġinaw tal-prodotti kkonċernati kif ukoll it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

4. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 mill-awtoritajiet tad-dwana ta' Stat Membru tal-Komunità jew tal-Montenegro jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Montenegro jew f'wieħed mill-pajjiżi jew territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfaw rekwiżiti oħra ta' dan il-Protokoll.

5. L-awtoritajiet tad-dwana li joħorġu ċ-ċertifikati EUR.1 għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jivverifikaw l-istatus ta' prodotti li joriġinaw tal-prodotti u li r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll ġew sodisfatti. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kull xhieda u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontijiet ta' l-esportatur jew kull stħarriġ ieħor meqjus xieraq. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, huma għandhom jivverifikaw jekk l-ispazju riservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkunx tlesta f'tali manjiera li teskludi kull possibiltà ta' żidiet frawdolenti.

6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandha tiġi indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

7. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom joħorġu u għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-esportatur ċertifikat EUR.1 malli l-esportazzjoni nfisha tkun twettqet jew tkun ġiet żgurata.

*Artikolu 18*

**Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament**

1. Minkejja l-Artikolu 17(7), ċertifikat ta' moviment EUR.1 jista' jinħareġ eċċezzjonalment wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jkopri jekk:

(a) ma kienx ġie maħruġ fil-waqt ta' l-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali;

jew

(b) jintwera għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana li kien ġie maħruġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 iżda li ma kienx ġie aċċettat ma' l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu il-post u d-data ta' esportazzjoni tal-prodotti koperti miċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u għandu jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.

3. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 retrospettivament biss wara li jivverifikaw li t-tagħrif provdut fl-applikazzjoni ta' l-esportatur jaqbel ma' dak fil-fajl li jikkorrispondi.

4. Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jiġu ċċertifikati bil-fraži li ġejja bl-Ingliż:

"ISSUED RETROSPECTIVELY"

5. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

*Artikolu 19*

**Ħruġ ta' ċertifikat duplikat ta' moviment EUR.1**

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika lill-awtoritajiet tad-dwana li jkunu ħarġuh għal kopja magħmula fuq il-bażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi ċċertifikata bil-kelma li ġejja bl-Ingliż:

"DUPLICATE"

3. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat duplikat ta' moviment EUR.1.

4. Id-duplikat, li għandu jkollu d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali ta' moviment EUR.1, għandu japplika minn dik id-data.

*Artikolu 20*

**Ħruġ ta' ċertifikati ta' moviment EUR.1 fuq il-bażi ta' prova ta' l-oriġini maħruġa jew magħmula qabel**

Meta prodotii li joriġinaw jitpoġġew taħt il-kontroll ta' uffiċju tad-dwana fil-Komunità jew fil-Montenegro, għandu jkun possibbli li l-prova ta' oriġini oriġinali tiġi sostitwita b'ċertifikat wieħed jew aktar ta' moviment EUR.1 bl-għan li dawn il-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbgħatu x'imkien ieħor fil-Komunità jew fil-Montenegro. Iċ-ċertifikat(i) ta' moviment sostitut(i) EUR.1 għandu(hom) jinħareġ(ġu) mill-uffiċċju tad-dwana li l-prodotti tpoġġew taħt il-kontroll tiegħu.

*Artikolu 21*

**Firda fil-kontabbiltà**

1. Fil-każijiet fejn jinqalgħu spejjeż konsiderevoli jew diffikultajiet materjali fiż-żamma ta' ħażniet separati ta' materjali li joriġinaw u materjali li ma joriġinawx, li huma identiċi u jistgħu jieħdu post xulxin, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu, fuq talba bil-miktub ta' dawk ikkonċernati, jawtorizzaw li jintuża l-metodu magħruf bħala "firda fil-kontabblità" għall- ġestjoni ta' dawn it-tipi ta' ħażniet.

2. Il-metodu għandu jkun jiżgura li, għal perjodu ta' referenza speċifiku, in-numru ta' prodotti miksuba li jistgħu jitqiesu bħala 'prodotti li joriġinaw' ikunu l-istess bħal dak in-numru li kien jinkiseb kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.

3. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni bħal din taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa.

4. Dan il-metodu huwa rreġistrat u applikat fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbli fil-pajjiż fejn il-prodott ġie mmanifatturat.

5. Il-benefiċjarju ta' din il-faċilità jista' joħroġ provi ta' oriġini jew japplika għalihom, skond il-każ, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw. Fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana, il-benefiċjarju għandu jipprovdi stqarrija dwar kif ġew iġġestiti l-kwantitajiet.

6. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu li sar mill-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha f'kull waqt meta l-benefiċjarju jagħmel użu li mhuwiex xieraq mill-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe mod possibbli jew jonqos milli jilħaq kwalunkwe kondizzjoni oħra stipulata f'dan il-Protokoll.

*Artikolu 22*

**Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' fattura**

1. Tista' ssir dikjarazzjoni ta' fattura kif imsemmija fl-Artikolu 16(1)(b):

(a) minn esportatur approvat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 23,

jew

(b) minn kull esportatur għal kull konsenja li tikkonsisti f'pakkett jew pakketti li jikkontjenu prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 6 000.

2. Tista' tiġi magħmula dikjarazzjoni ta' fattura jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Montenegro jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

3. L-esportatur li jagħmel id-dikjarazzjoni ta' fattura għandu jkun ppreparat li jissottometti f'kull ħin, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' esportazzjoni, id-dokumenti xierqa li jippruvaw l-istatus ta' prodotti li joriġinaw tal-prodotti kkonċernati kif ukoll it-twettiq tal-kondizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

4. Għandha tiġi magħmula dikjarazzjoni ta' fattura mill-esportatur permezz ta' l-ittajpjar, l-ittimbrar jew l-istampar fuq il-fattura, in-nota tal-kunsinna jew xi dokument kummerċjali ieħor, tad-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness IV, f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti f'dak l-Anness u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż ta' esportazzjoni. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, hija għandha tinkiteb bil-linka f'karattri stampati.

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' fattura għandu jkollhom il-firma oriġinali ta' l-esportatur miktuba bl-idejn. Madankollu, esportatur approvat skond l-Artikolu 23 m'għandux jiġi meħtieġ li jiffirma dikjarazzjonijiet bħal dawn sakemm jagħti lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur impenn bil-miktub li jaċċetta responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni ta' fattura li tidentifikah bħallikieku tali dikjarazzjoni kienet ġiet iffirmata bil-kitba bl-idejn minnu stess.

6. Tista' tinħareġ dikjarazzjoni ta' fattura mill-esportatur meta l-prodotti li tkopri jiġu esportati jew wara l-esportazzjoni sakemm tiġi ppreżentata fil-pajjiż importatur mhux aktar minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li hija tkopri.

*Artikolu 23*

**Esportatur approvat**

1. L-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li jesporta jistgħu jawtorizzaw kull esportatur, minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-'esportatur approvat', li jagħmel kunsinni spissi ta' prodotti taħt dan il-Ftehim biex jagħmel dikjarazzjonijiet tal-fatturi irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jkun irid din it-tip ta' awtorizzazzjoni għandu joffri, għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana, il-garanżiji kollha meħtieġa sabiex dawn jivverifikaw l-istatus ta' prodotti li joriġinaw tal-prodotti kif ukoll jivverifikaw it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat taħt il-kundizzjonijiet kollha li jqisu xieraq.

3. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni tad-dwana li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura.

4. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jissorveljaw l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull ħin. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jkunx għadu joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew meta jkun b'xi mod ieħor jagħmel użu ħażin mill-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 24*

**Validità tal-prova ta' oriġini**

1. Prova ta' oriġini għandha tkun valida għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż ta' esportazzjoni u, matul il-perjodu msemmi, għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' importazzjoni.

2. Il-provi ta' oriġini li huma ppreżentati lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur wara d-data finali għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aċċettati għall-iskop li jiġi applikat trattament preferenzali, fejn in-nuqqas ta' sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun dovut għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

3. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur jistgħu jaċċettaw il-provi ta' oriġini fejn il-prodotti jkunu ġew sottomessi qabel id-data finali msemmija.

*Artikolu 25*

**Sottomissjoni ta' prova ta' oriġini**

Għandhom jiġu ppreżentati provi ta' oriġini lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur skond il-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu jitolbu traduzzjoni ta' prova ta' oriġini u jistgħu jeħtieġu wkoll li d-dikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni mill-importatur li l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

*Artikolu 26*

**Importazzjoni bin-nifs**

Meta, fuq it-talba ta' l-importatur u bil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' importazzjoni, jiġu importati bin-nifs prodotti żarmati jew mhux armati skond it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tar-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, għandha tkun ippreżentata prova waħda ta' l-oriġini għal prodotti bħal dawn lill-awtoritajiet tad-dwana ma' l-importazzjoni ta' l-ewwel kunsinna.

*Artikolu 27*

**Eżenzjonijiet minn prova ta' oriġini**

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom jiġu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentazzjoni ta' prova ta' l-oriġini, sakemm tali prodotti ma jkunux importati permezz tal-kummerċ u jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' tali dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti li jintbagħtu bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana CN22/CN23 jew fuq karta annessa ma' dak id-dokument.

2. Importazzjonijiet li huma fuq bażi okkażjonali u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali ta' min jirċevihom jew tal-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom m'għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet permezz tal-kummerċ jekk ikun ċar min-natura u l-kwantita tal-prodotti li m'hemm l-ebda għan kummerċjali.

3. Barra minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m'għandux jeċċedi EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew Eur 1,200 fil-każ ta' prodotti li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi.

*Artikolu 28*

**Dokumenti ta' prova**

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 17(3) u 22(5) użati għall-iskop li jagħtu prova li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew b'dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED, jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Montenegro jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u li jilssodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, jistgħu jkunu magħmula, *inter alia*, minn dawn li ġejjin:

(a) evidenza diretta ta' l-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jikseb l-oġġetti kkonċernati, li jinsabu, pereżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;

(b) dokumenti li jagħtu prova ta' l-istatus tal-materjali użati bħala materjali li joriġinaw, maħruġa jew mimlija fil-Komunità jew fil-Libanu meta dawn id-dokumenti jintużaw skond il-liġi nazzjonali;

(c) dokumenti li jagħtu prova tal-ħidma jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Komunità jew fil-Montenegro, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Montenegro, meta dawn id-dokumenti jintużaw skond il-liġi nazzjonali;

(d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet ta' fattura li jagħtu prova ta' l-istatus tal-materjalu użati bħala materjali li joriġinaw, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Montenegro skond dan il-Protokoll jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-

territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4, skond regoli ta' oriġini li huma identiċi għar-regoli f'dan il-Protokoll.

(e) evidenza xierqa dwar il-ħidma jew l-ipproċessar li twettaq barra mill-Komunità jew mill-Montenegro skond l-Artikolu 12, li tagħti prova li r-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu ġew sodisfati.

*Artikolu 29*

**Preservazzjoni ta' prova ta' oriġini u dokumenti ta' sostenn**

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(3).

2. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni ta' fattura għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin kopja ta' din id-dikjarazzjoni ta' fattura kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 22(3).

3. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur li joħroġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin il-formula ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2).

4. L-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura sottomessi lilhom.

*Artikolu 30*

**Diskrepanzi u żbalji formali**

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova ta' l-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti sottomessi lill-uffiċċju tad-dwana bl-għan tat-twettiq tal-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti m'għandhiex *ipso facto* tirrendi l-prova ta' l-oriġini nulla u battala jekk ikun stabbilit kif xieraq li dan id-dokument jikkorrispondi għall-prodotti sottomessi.

2. Żbalji formali ovvji bħal ma huma żbalji tat-tajpjar fuq prova ta' oriġini m'għandhomx iwasslu sabiex dan id-dokument jiġi miċħud jekk dawn l-iżbalji mhumiex tali li joħolqu dubji rigward il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet li saru f'dan id-dokument.

*Artikolu 31*

**Ammonti espressi f'euro**

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 27(3), f'każijiet fejn il-prodotti huma ffaturati f'munita li mhijiex l-euro, l-ammonti fil-munita

nazzjonali ta' l-Istati Membri tal-Komunità, tal-Montenegro u tal-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li huma ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu stabbiliti kull sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Kunsinna għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(1)(b) jew l-Artikolu 27(3) b'referenza għall-munita li fiha titfassal il-fattura, skond l-ammont stabbilit mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw f'kull munita nazzjonali partikolari għandhom ikunu ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti espressi f'euro hekk kif kienu fl-ewwel ġurnata ta' xogħol tax-xahar ta' Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti rilevanti.

4. Pajjiż jista' jnaqqas jew iżid l-ammont li jirriżulta mill-kambju għall-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro, biex jagħti ċifra għad-dritt. L-ammont mogħti għad-dritt ma jistax ikun differenti b'aktar minn 5% mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. Pajjiż jista' jżomm mhux mibdul l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali għal ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien ta' l-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-kambju ta' dak l-ammont, qabel ma ngħata għad-dritt, jirriżulta f'zieda ta' anqas minn 15% fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ewkivalenti tal-munita nazzjonali tista' tinżamm bla ma tinbidel jekk il-kambju jkun jirriżulta fi tnaqqis ta' dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu riveduti mill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fuq talba tal-Komunità jew tal-Montenegro. Meta jwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jqis kemm huwa mixtieq li jkunu mħarsa l-effetti, f'termini reali, tal-limiti kkonċernati. Għal dan il-għan, jista' tiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU VI

ARRANĠAMENTI GĦALL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

*Artikolu 32*

**Assistenza reċiproka**

1. L-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri tal-Komunità u tal-Montenegro għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, eżemplari tat-timbri użati fl-uffiċċji doganali tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 flimkien ma' l-indirizzi ta' l-awtoritajiet doganali responsabbli li jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura.

2. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Protokoll, il-Komunità u l-Montenegro għandhom jgħinu lil xulxin, permezz ta' l-amministrazzjonijiet kompetenti tad-dwana, fil-kontroll ta' l-awtentiċità taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew tad-dikjarazzjonijiet ta' fattura u ta' l-eżattezza tat-tagħrif mogħti f'dawn id-dokumenti.

*Artikolu 33*

**Verifika ta' provi ta' oriġini**

1. Il-verifika sussegwenti tal-provi ta' l-oriġini għandha titwettaq b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' l-importazzjoni jkollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' tali dokumenti, dwar l-istatus tal-prodotti kkonċernati bħala prodotti li joriġinaw jew dwar t-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. Għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1, l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u l-fattura, jekk tkun ġiet sottomessa, id-dikjarazzjoni ta' fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur filwaqt li jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għall-investigazzjoni. Kull dokument u tagħrif miksub li jissuġġerixxu li t-tagħrif mogħti fil-prova ta' oriġini huwa żbaljat għandu jintbagħat biex isostni t-talba għal verifika.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kull xhieda u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontijiet ta' l-esportatur jew kull stħarriġ ieħor meqjus xieraq.

4. Jekk l-awtoritajiet tal-pajjiż importatur jiddeċiedu li jissospendu l-għoti ta' trattament preferenzali lill-prodotti kkonċernati waqt li jistennew ir-riżultati tal-verifika, għandu jiġi offrut ir-rilaxx tal-prodotti lill-importatur bla ħsara għal kull miżura prekawzjonali meqjusa bħala meħtieġa.

5. L-awtoritajiet tad-dwana li jkunu qed jitolbu l-verifika għandhom jiġu mgħarrfa bir-riżultati ta' din il-verifika kemm jista' jkun malajr. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti kkonċernati humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux ikunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Montenegro jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkunx hemm risposta fi żmien għaxar xhur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk ir-risposta ma jkunx fiha tagħrif biżżejjed biex tiġi stabbilita l-awtentiċita tad-dokument in kwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet tad-dwana li jagħmlu t-talba għandhom, minbarra f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiċħdu l-intitolament għall-preferenzi.

*Artikolu 34*

**Soluzzjoni tat-tilwim**

Meta jinqala' tilwim li ma jistax jissolva rigward il-proċeduri ta' verifika ta' l-Artikolu 33 bejn l-awtoritajiet tad-dwana li qegħdin jitolbu verifika u l-awtoritajiet tad-dwana li huma responsabbli li jwettqu din il-verifika jew meta titqajjem mistoqsija fir-rigward ta' l-interpretazzjonu ta' dan il-Protokoll, tali tilwim għandu jiġi mressaq quddiem il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Fil-każijiet kollha is-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandu jkun skond il-leġislazzjoni tal-pajjiż imsemmi.

*Artikolu 35*

**Penalijiet**

Il-penalitajiet għandhom jiġu imposti fuq kull persuna li tfassal, jew tikkaġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

*Artikolu 36*

**Żoni ħielsa**

1. Il-Komunità u l-Montenegro għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti nnegozjati kopertura ta' prova ta' oriġini li, waqt it-trasport, juzaw żona ħielsa li tinsab fit-territorju tagħhom, ma jiġux sostitwiti minn oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda trattament għajr operazzjonijiet normali maħsuba sabiex jipprevjenu d-deterjorazzjoni tagħhom.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fil-Montenegro jiġu importati f'żona ħielsa taħt kopertura ta' prova ta' oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 ġdid fuq it-talba ta' l-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li għaddew minnu huwa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

TITOLU VII

CEUTA U MELILLA

*Artikolu 37*

**Applikazzjoni tal-Protokoll**

1. Il-kelma "Komunità" użata fl-Artikolu 2 ma tkoprix Ceuta u Melilla.

2. Meta prodotti li joriġinaw fil-Montenegro jiġu importati f'Ceuta jew f'Melilla, dawn għandhom igawdu f'kull aspett l-istess sistema doganali bħal dak applikata għal prodotti li joriġinaw mit-territorju doganali tal-Komunità skond il-Protokoll 2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża fil-Komunitajiet Ewropej Il-Montenegro għandha tissuġġetta l-importazzjoni ta' prodotti koperta mill-Ftehim u li toriġina f'Ceuta u f'Melilla għall-istess sistema doganali bħal dak prodotti importati mill-Komunità u li joriġinaw fiha.

3. Għall-għan ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 dwar prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan il-Protokoll għandu japplika *mutatis mutandis* suġġett għall-kondizzjonijiet speċjali mniżżla fl-Artikolu 38.

*Artikolu 38*

**Kundizzjonijiet speċjali**

1. Sakemm ikunu ġew trasportati direttament skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13, dawn li ġejja għandhom jiġu meqjusa bħala:

(1) prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla:

(a) prodotti miksuba kollha kemm huma f'Ċeuta u f'Melilla;

(b) prodotti miksuba minn Ceuta u Melilla li, fil-fabbrikazzjoni tagħhom, huma użati prodotti oħra barra dawk msemmija f'(a), sakemm:

(i) l-imsemmija prodotti għaddew minn ħidma jew ipproċessar biżżejjed skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

jew

(ii) dawk il-prodotti jkunu joriġinaw fil-Montenegro jew fil-Komunità, sakemm ikunu ġew suġġetti għal ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7

(2) prodotti li joriġinaw fil-Montenegro:

(a) prodotti miksuba kollha kemm huma fil-Montenegro;

(b) prodotti miksuba fil-Montenegro li, fil-fabbrikazzjoni tagħhom, huma użati prodotti oħra barra dawk msemmija f'(a), sakemm:

(i) l-imsemmija prodotti għaddew minn ħidma jew ipproċessar biżżejjed skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

jew

(ii) dawk il-prodotti jkunu joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fil-Komunità, sakemm ikunu ġew suġġetti għal ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iniżżlu "Montenegro" u "Ceuta u Melilla" fil-kaxxa nru 2 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet ta' fattura. Barra minn dan, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan għandu jiġi indikat fil-Kaxxa nru 4 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet ta' fattura.

4. L-awtoritajiet tad-dwana Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tal-Protokoll f'Ceuta u Melilla.

TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 39*

**Emendi għall-Protokoll**

Il-Kunsill ta’ Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista’ jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Protokoll.

*ANNESS I*

## NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II

**Nota 1:**

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha li għandhom ikunu ikkunsidrati bħala suffiċjentament maħduma jew ipproċessati skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll.

**Nota 2:**

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru ta' l-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni ta' merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-kapitolu. Għal kull daħla fl-ewwel żewġ kolonni hemm speċifikata regola fil-kolonna 3 jew 4. Fejn, f'xi każijiet, id-daħla fl-ewwel kolonna hija ppreċeduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestatura ikunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata numru ta' kapitolu u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt l-intestaturi tal-kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Fejn hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti f'intestatura, kull inċiż ikun fih d-deskrizzjoni ta' dik il-parti ta' l-intestatura koperta mir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Fejn, għal dħul fl-ewwel żewġ kolonni, hija speċifikata regola fiż-żewġ kolonni 3 u 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik dikjarata fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola ta' oriġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

**Nota 3:**

3.1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll, dwar prodotti li jkunu kisbu status ta' oriġini li huma użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk l-istatus inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f'fabbrika oħra f'parti kontraenti.

*Eżempju:*

Magna ta' l-intestatura 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjali li ma joriġinawx li jistgħu jiġu inkorporati ma jistax ikun aktar minn 40% tal-prezz *ex-works*, hija magħmula minn "liga ta' l-azzar oħra, iffurmata b'mod mhux irfinut fil-forġa" ta' l-intestatura ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fil-Komunità minn ingott li ma joriġinax, tkun diġà kisbet status ta' oriġini permezz tar-regola ta' l-intestatura ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol tal-forġa jista' mbagħad jgħodd bħala li joriġina fil-kalkolu tal-valur għall-magna irrispettivament

minn jekk ġietx prodotta fl-istess fabbrika jew f'fabbrika oħra fil-Komunità. Il-valur ta' l-ingott li ma joriġinax mhuwiex għalhekk meqjus meta jingħadd il-valur tal-materjali li ma joriġinawx li ġew użati.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ u t-twettiq ta' aktar ħidma jew ipproċessar jagħti wkoll stat ta' oriġini; min-naħa l-oħra, it-twettiq ta' anqas ħidma jew ipproċessar ma jistax jagħti stat ta' oriġini. Għalhekk jekk regola tipprovdi li jista' jintuża materjal li ma joriġinax f'ċertu livell tal-manifattura, l-użu ta' dan il-materjali fi stadju aktar kmieni tal-manifattura huwa permess u l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar tard mhuwiex.

3.3. Bla ħsara għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", allura materjali ta' kwalunkwe intestatura(i) (anke materjali ta' l-istess deskrizzjoni u intestatura bħala l-prodott) jistgħu jintużaw, soġġetti, madankollu, għal xi limitazzjonijiet speċifiċi li jista' jkun hemm fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-intestatura ..." jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra ta' l-istess intestatura tal-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura(i), ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi fabbrikat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jistgħu jintużaw materjal wieħed jew aktar. Ma tirrikjedix li jintużaw kollha.

*Eżempju:*

Ir-regola għal tessuti ta' l-intestaturi 5208 sa 5212 tipprovdi li jistgħu jintużaw fibri natural u li materjali kimiċi, fost materjali oħra, jistgħu wkoll jintużaw . Dan ma jfissirx li t-tnejn iridu jintużaw; huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jiġi fabbrikat minn materjal partikolari, il-kondizzjoni ovvjament ma twaqqafx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 fir-rigward tat-tessuti).

*Eżempju:*

Ir-regola għal ikliet ippreparati ta' l-intestatura 1904, li teskludi speċifikament l-użu ta' ċereali u d-derivati tagħhom, ma twaqqafx l-użu ta' mluħ minerali, kimiċi u addittivi oħra li mhumiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux jiġu fabbrikati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn materjal ta' l-istess natura fi stadju aktar kmieni ta' fabbrikazzjoni.

*Eżempju:*

Fil-każ ta' oġġett ta' l-ilbies ta' l-ex Kapitlu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ħjut mibruma li ma joriġinawx għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux,

normalment, isiru mill-ħjut mibruma. F'każijiet bħal dawn, il-materjali tal-bidu normalment ikunu fl-istadju ta' qabel il-ħajt – jiġifieri l-istadju tal-fibri.

3.6. Fejn, f'regola fil-lista, huma mogħtija żewġ perċentwali għall-valur massimu ta' materjali li ma joriġinawx li jistgħu jkunu użati, allura dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu użat tal-materjali kollha li ma joriġinawx ma jista' qatt jaqbeż l-għola tal-perċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabzu, fir-rigward tal-materjali partikolari li għalihom japplikaw.

**Nota 4:**

4.1. Il-kliem "fibri naturali" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huma limitati għall-istadju ta' qabel ma jinbarmu l-fibri, jinkludu l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jinkludu fibri naturali li ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor iżda mhux mibruma.

4.2. Il-kliem "fibri naturali" jinkludu xagħar iż-żiemel ta' l-intestatura 0503, ħarir ta' l-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf u suf ta' l-annimali fin jew oħxon ta' l-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton ta' l-intestaturi 5201 sa 5203 u fibri veġetali oħra ta' l-intestaturi 5301 sa 5305.

4.3. Il-kliem "polpa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom issiru il-karta" huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiffabbrikaw fibri jew ħjut artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.

4.4. Il-kliem "fibri bażiċi magħmula mill-bniedem' huwa użat fil-lista biex jirreferi għal filament *tow* sintetiku jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, ta' l-intestatura 5501 sa 5507.

**Nota 5:**

5.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 m'għandhomx jiġu applikati għal xi materjali tat-tessuti bażiċi użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 10% jew anqas mill-piż totali tal-materjali bażiċi tat-tessuti kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)

5.2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ materjali bażiċi tat-tessut jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali bażiċi tat-tessut:

- ħarir,
- suf,
- xagħar oħxon ta' l-annimali,
- xagħar fin ta' l-annimali,
- xagħar iż-żiemel,
- qoton,

- materjali għall-manifattura tal-karta u karta,

- kittien,

- qanneb veru,

- ġuta jew fibri tessili tat-tilju oħra,

- sisal u fibri oħra tat-tessuti tan-nisel Agave,

- ġewż ta' l-indi, abaka, ramie u fibri ta' l-insiġ tal-ħaxix oħrajn,

- filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,

- filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,

- filamenti li jgħaddi minnhom l-elettriku,

- fibri bażiċi sintetiċi tal-polipropilin magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi tal-polijester magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi tal-polijamid magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi tal-poljakrilonitril magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi tal-polijamid magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi tal-politetraflworetilin magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi tas-sulfat tal-polifenilin magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi tal-klorur tal-polivinil magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi sintetiċi oħrajn magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi artifiċjali tal-viżkożju magħmula mill-bniedem,

- fibri bażiċi artifiċjali oħrajn magħmula mill-bniedem,

- ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijeter, sew jekk mibruma u anki jekk le,

- ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijester, sew jekk mibruma u anki jekk le,

- prodotti ta’ l-intestatura 5605 (ħjut metallizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f’qalba ta’ fojl ta’ l-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab ta’ l-aluminju u kemm jekk le, b’wisa’ ta’ mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi rqaq tal-plastik permezz ta’ kolla trasparenti jew kulurita.

- prodotti oħrajn ta' l-intestatura 5605;

*Eżempju:*

Ħajt, ta' l-intestatura 5205, magħmul minn fibri tal-qoton ta' l-intestatura 5203 u fibri bażiċi sintetiċi ta' l-intestatura 5506, huwa ħajt imħallat. Għalhekk, fibri bażiċi sintetiċi li ma joriġinawx u ma jissodisfawx ir-regoli dwar l-oriġini (li jirrikjedu l-manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessut) jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10% tal-piż totali tal-ħjut mibruma.

*Eżempju:*

Drapp tas-suf, ta' l-intestatura 5112 magħmul minn ħajt tas-suf ta' l-intestatura Nru 5107 u ħajt sintetiku minn fibri bażiċi ta' l-intestatura 5509 huwa drapp imħallat. Għalhekk, ħjut mibruma sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regoli dwar l-oriġini (li jirrikjedu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessut), jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli tdwar l-oriġini (li jirrikjedu manifattura minn fibri naturali li ma jkunux mqardxa, mimxuta jew ippreparati għall-brim b'xi mod ieħor), jew taħlita tat-tnejn, jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10% tal-piż totali tat-tessut.

*Eżempju:*

Tessut minsuġ bil-pil, ta' l-intestatura 5802, magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton ta' l-intestatura 5205 u tessut tal-qoton ta' l-intestatura 5219, ikun prodott imħallat biss jekk it-tessut tal-qoton innifsu jkun tessut imħallat magħmul minn ħjut mibruma kklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut mibruma tal-qoton użati jkunu taħlita huma stess.

*Eżempju:*

Kieku t-tessut minsuġ bil-pil ikkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton ta' l-intestatura 5205 u tessut sintetiku ta' l-intestatura 5407, allura, ovvjamant, il-ħjut mibruma użati jkunu żewġ materjali bażiċi tat-tessut separati u t-tessut minsuġ bil-pil ikun, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijeter, sew jekk mibruma u anki jekk le", din it-tolleranza hija 20% fir-rigward ta' dawn il-ħjut.

5.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl ta' l-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab ta' l-aluminju u kemm jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi rqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita" din it-tolleranza hija ta' 30% fir-rigward ta' din l-istrixxa.

**Nota 6:**

6.1. Fejn, fil-lista, issir riferenza għal din in-Nota, materjali tat-tessut (bl-eċċezzjoni ta' kisi u kisi minn ġewwa), li ma jissodisfawx ir-regola dikjarata fil-lista f'kolonna 3 għall-prodott maħdum konċernat jistgħu jintużaw, basta iżda li huma klassifikati f'intestatura oħra għajr tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz ta' l-ex works tal-prodott.

6.2. Bla ħsara għan-Nota 6.3, materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti tat-tessut, kemm jekk ikun fihom tessuti u kemm jekk le.

*Eżempju:*

Jekk regola fil-lista tipprovdi li, għal oġġett tat-tessut partikolari (bħal qalziet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jwaqqfx l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħalma huma buttuni, minħabba li l-buttuni mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jwaqqafx l-użu ta' waħħala li jiżżerżqu (żippijiet) għalkemm waħħala li jiżżerżqu (żippijiet) ikunu normalment jinkludu tessuti.

6.3. Meta tapplika regola ta' perċentwali, il-valur tal-materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandu jitqies meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjali li ma joriġinawx inkorporati.

**Nota 7:**

7.1. Għall-finijiet ta' l-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni bil-vakwu;

(b) distillazzjni mill-ġdid bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'reqqa kbira;

(c) *cracking*;

(d) formazzjoni mill-ġdid;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċtu sulfuriku (spirtu tal-melħ) ikkonċentrat, anidridu ta' l-oleum jew tal-kubrit; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) polimerizzazzjoni

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni.

7.2. Għall-iskopijiet ta' l-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni bil-vakwu;

(b) distillazzjni mill-ġdid bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'reqqa kbira;

(c) *cracking*;

(d) formazzjoni mill-ġdid;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċtu sulfuriku (spirtu tal-melħ) ikkonċentrat, anidridu ta' l-oleum jew tal-kubrit; newtralizzazzjoni b'aġenti

alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) polimerizzazzjoni

(h) alkilazzjoni;

(ij) isomerizzazzjoni.

(k) fir-rigward ta’ żjut tqal ta’ l-intestatura ex 2710 biss, l-eliminazzjoni tal-kubrit bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta’ mill-inqas 85% tal-kontenut f'kubrit tal-prodotti pproċessati (metodu ASTM D 1266-59 T);

(l) fir-rigward tal-prodotti ta' l-intestatura 2710 biss, it-tneħħija tal-pitrolji bi proċċess ieħor għajr il-filtrazzjoni;

(m) fir-rigward ta' żjut tqal ta' l-intestatura ex 2710 biss, trattament bl-idroġenu bi pressjoni ta' aktar minn 20 bar u b'temperatura ta' aktar minn 250 °C bl-użu ta' katalist, ħlief biex jitneħħa l-kubrit, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti ta' l-intestatura 2710 (eż. it-tlestija bl-ilma - *hydrofinishing* - jew it-tneħħija tal-kulur) sabiex, speċjalment, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbiltà, m'għandhomx, madankollu, jitqiesu bħala proċess speċifiku;

(n) fir-rigward ta’ żjut karburanti ta’ l-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, sakemm anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, f'300 °C, permezz tal-metodu ASTM D 86;

(o) fir-rigward ta' żjut tqal minbarra żjut tal-gass u żjut karburanti ta' l-intestatura ex 2710 biss, trattament permezz ta' *brush-discharge* elettrika ta' frekwenza għolja;

(p) fir-rigward ta’ prodotti mhux maħduma (barra mill-vażelina, l-ozokerite, ix-xama’ tal-lignite jew ix-xama’ tal-pit, ix-xama’ tal-pitrolju li fihom, bil-piż, anqas minn 0.75% żejt) ta’ l-intestatura ex 2712 biss, it-tneħħija taż-żejt permezz ta' kristallizzazzjoni frazzjonali.

7.3. Għall-iskopijiet ta’ l-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi bħal tindif, tferriegħ, tneħħija tal-melħ, separazzjoni ta’ l-ilma, filtrazzjoni, kulur, immarkar, determinazzjoni tal-kontenut ta’ kubrit bħala riżultat ta’ taħlit ta’ prodotti b’kontenut ta’ kubrit differenti, jew kull taħlita ta’ dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jagħtux l-oriġini.

*ANNESS II*

# LISTA TA' ĦIDMA JEW IPPROĊESSAR LI GĦANDU JITWETTAQ FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT JISTA' JIEĦU L-ISTATUS TA' PRODOTT LI JORIĠINA

*Il-prodotti msemmija fil-lista jistgħu ma jkunux koperti kollha mill-Ftehim. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu kkonsultati partijiet oħra tal-Ftehim.*

| Intestatura SA | Deskrizzjoni tal-prodott | Ħidma jew ipproċessar li jsiru fuq materjali li ma joriġinawx u li jikkonferixxu status ta' oriġini | |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
| Kapitolu 1 | Annimali ħajjin | L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 għandhom ikunu kompletament miksuba. | |
| Kapitolu 2 | Laħam u ġewwieni ta' l-annimali li jista' jittiekel | Manifattura li fiha l-materjali kollha użati tal-Kapitoli 1 u 2 ikunu kompletament miksuba | |
| | **2. Iċ-ċertifikt użat fil-kummerċ preferenzjali bejn**<br>.....<br>**U**<br>.....<br>(daħħal il-pajjiżi, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorji xierqa) |
| **3.** Id-destinatarju (l-isem, l-indirizz sħiħ, il-pajjiż) (Mhux obbligatorjul)) | **4. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorji li fihom il-prodotti huma kkonsidrati li joriġinaw** / **5. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorju ta' destinazzjoni** |
| **6. Id-dettalji tat-trasport** (Mhux obbligatorju) | **7. Rimarki** |

| **8. In-numru ta' l-oggett; Il-marki u n-numri; In-numru u t-tip ta' pakketti ([1]); Deskrizzjoni tal-prodotti** | **9. Il-piż totali (kg) jew miżura oħra (litri, m³, eċċ.)** | **10. Fatturi** (Mhux obbligatorji) |
|---|---|---|
| | | |

[1] Jekk il-prodotti m'humiex ippakkjati, indika n-numru ta' l-oġġetti jew iddikjara "bil-kwantità" kif inhu xieraq

| **11. KONFERMA TAD-DWANA** | **12. ID-DIKJARAZZJONI TA' L-ESPORTATUR** |
|---|---|
| *Dikjarazzjoni ċertifikata*<br><br>Id-dokument ta' l-esportazzjoni ([2]):<br><br>Formola .....Nru ……...<br><br>Ta' …….<br><br>Uffiċċju tad-dwana.....……<br><br>Pajjiż tal-ħruġ .....Bolla<br><br>.....<br><br>Il-post u d-data .....<br><br>…….....<br><br>(Firma) | Jien, is-sottoskritt, niddikjara li l-prodotti hawn fuq deskritti jissodisfaw il-kondizzjonjiet meħtieġa għall-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.<br><br>Il-post u d-data .....<br><br>.....<br><br>(Firma) |

[2] Imla biss fejn ir-regolamenti tal-pajjiż jew tat-territorju esportatur jeħtieġu.

| **13. IT-TALBA GĦAL VERIFIKA, biex:** | **14. IR-RIŻULTAT TAL-VERIFIKA** |
|---|---|
| | Il-verifika li twettqet turi li dan iċ-ċertifikat [1]<br>☐ nħareġ mill-uffiċċju tad-dwana indikat u<br>li l-informazzjoni li tinsab fih hija eżatta.<br>☐ ma jissodisfax ir-rekwiżiti rigward l-awtenticità<br>u eżattezza (ara r-rimarki annessi). |
| Il-verifika ta' awtenticità u eżattezza ta' dan iċ-ċertifikat hija mitluba<br>.....<br>(Il-post u d-data)<br>Bolla<br>.....<br>(Firma) | .....<br>(Il-post u d-data)<br>Bolla<br>.....<br>(Firma) |

(1) Daħħal X fil-kaxxa approprjata.

**IN-NOTI**

1. Iċ-ċertifikat ma jistax ikollu kliem imħassar jew kliem miktuba fuq xulxin. Kull bidla għandha issir billi jitneħħew id-dettalji inkorretti u tiżdied kull korrezzjoni neċessarja. Kull waħda minn dawn il-bidliet għandha tiġi inizjalata mill-persuna li mliet iċ-ċertifikat u għandha tiġi kkonfermata mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tal-ħruġ.

2. L-ebda spazju m'għandu jitħalla bejn l-oġġetti mniżżla fiċ-ċertifikat u quddiem kull oġġett għandu jitniżżel n-numru ta' l-oġġett. Għandha tinġibed linja orizzontali immedjatament taħt l-ewwel oġġett. Kull spazju li mhuwiex użat għandu jinqata' b'tali mod u manjiera li ma jkunx possibbli li jsiru żidiet iktar tard.

3. Il-prodotti għandhom ikunu deskritti skond il-prassi kummerċjali u bid-dettalji kollha meħtieġa ħalli jkunu jistgħu jiġu identifikati.

## APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT

| | | |
|---|---|---|
| **1.** L-esportatur (l-isem, l-indirizz sħih, il-pajjiż) | **EUR.1** **Nru A** 000.000<br>Ara n-noti fil-paġna segwenti qabel ma timla din il-formola. | |
| | **2. Applikazzjoni għal ċertifikat li għandu jiġi użat fil-kummerċ preferenzjali bejn**<br>.....<br>**u**<br>.....<br>(daħħal il-pajjiżi, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorji xierqa) | |
| **3. Id-destinatarju** (l-isem, l-indirizz sħiħ, il-pajjiż) (Mhux obbligatorjul) | **4. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorji li fihom il-prodotti huma kkonsidrati li joriġinaw** | **5. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorju ta' destinazzjoni** |
| **6. Id-dettalji tat-trasport** (Mhux obbligatorju) | **7. Rimarki** | |

| **8. In-numru ta' l-oggett; Il-marki u n-numri; Numru u tip ta' pakki** [(1)] **Deskrizzjoni ta' l-oġġetti** | **9. Il-piż totali (kg) jew miżura oħra (litri, m³, eċċ.)** | **10. Fatturi** (Mhux obbligatorji) |
|---|---|---|
| | | |

(1) Jekk il-prodotti mhumiex ippakkjati, indika n-numru ta' l-oġġetti jew iddikjara "bil-kwantità" kif inhu xieraq

## ID-DIKJARAZZJONI TA' L-ESPORTATUR

Jiena, is-sottoskritt, l-esportatur tal-prodotti deskritti fuq il-paġna ta' wara,

NIDDIKJARA li l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ taċ-ċertifikat mehmuż;

NISPEĊIFIKA hekk kif ġej iċ-ċirkostanzi li jippermettu lil dawn il-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet t'hawn fuq:

……
……
……
……
…….

NISSOTTOMETTI d-dokumenti ġustifikattivi li ġejjin ([1]):

……
……
……
……
…….

NIMPENJA RUĦI li nissottometti, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet xierqa, kull evidenza ta' sostenn li dawn l-awtoritajiet jistgħu jirrikjedu sabiex joħorġu ċ-ċertifikat anness, u nimpenja ruħi li, jekk ikun meħtieġ, naqbel ma' kull spezzjoni tal-kontijiet tiegħi u kull verifika dwar il-proċessi tal-manifattura ta' l-oġġetti hawn fuq, magħmula mill-imsemmija awtoritajiet;

NITLOB il-ħruġ taċ-ċertifikat mehmuż għal dawn il-prodotti.

……..

(Il-post u d-data)

…….

(Firma)

[1] Per eżempju: dokumenti ta' importazzjoni, ċertifikati ta' moviment, fatturi, dikjarazzjonijiet tal-manifattur, eċċ., li jirreferu għall-prodotti użati fil-manifattura jew għall-oġġetti esportati mill-ġdid fl-istess stat.

# ANNESS IV

**It-test tad-dikjarazzjoni tal-fattura**

Id-dikjarazzjoni ta' fattura, li t-test tagħha jinsab hawn taħt, għandha ssir skond in-noti ta' qiegħ il-paġna. In-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

**Il-verżjoni Bulgara**

**Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … (1)) декларира, че освен където ясно е отбелязано друго, тези продукти са с ….(2)преференциален произход**

Il-verżjoni Spanjola

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera n° ...(i)) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial ...(ii).

Il-verżjoni Ċeka

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení …(1)) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v …(2).

Il-verżjoni Daniża

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. ...(1)), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ...(2).

Il-verżjoni Ġermaniża

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. ...(1)) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anderes angegeben, präferenzbegünstigte ...(2) Ursprungswaren sind.

Il-verżjoni Estonjana

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. ...(1)) deklareerib, et need tooted on ...(2) sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Il-verżjoni Griega

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ΄αριθ. ...(1)) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής ...(2).

Il-verżjoni Ingliża

The exporter of the products covered by this document (customs authorization No ...[1]) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ...[2] preferential origin.

Il-verżjoni Franċiża

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° ...[1]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ...[2].

Il-verżjoni Taljana

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. ...[1]) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ...[2].

Il-verżjoni Latvjana

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas pilnvara Nr. …[1]), deklarē, ka, iznemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no …[2].

Il-verżjoni Litwana

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr …[1]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …[2] preferencinės kilmės prekės.

Il-verżjoni Ungeriża

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: …[1]) kijelentem, hogy eltérő jelzés hianyában az áruk kedvezményes …[2] származásúak.

Il-verżjoni Maltija

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. …[1]) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali …[2].

Il-verżjoni Olandiża

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. ...[1]), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële ... oorsprong zijn [2].

Il-verżjoni Pollakka

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr …[1]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają …[2] preferencyjne pochodzenie.

Il-verżjoni Portugiża

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira n°. ...[1]), declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ...[2].

**Il-verżjoni Rumena**

**Exportatorul produselor ce fac ojiectul acestui document (autorizația vamală nr. …[1]) declará cá, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială …[2].**

Il-verżjoni Slovakka

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia …[1]) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …[2].

Il-verżjoni Slovena

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št …[1]) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno …[2] poreklo.

Il-verżjoni Finlandiża

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o ...[1]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita[2].

Il-verżjoni Żvediża

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. ...[1]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ... ursprung[2].

Il-verżjoni Montenegrina

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovim dokumentom (carsinsko odoborenje br.. (1)) deklariše da, osim u slučaju kada je drugačije naznačeno, ovi proizvod su ...(2) preferencijalnog projekla.

# Anness V

**Prodotti esklużi mill-kumulazzjoni taħt l-Artikoli 3 u 4**

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1704 90 99 | Prodotti tal-ħelu taz-zokkor, li ma jkunx fihom kawkaw |
| 1806 10 30<br>1806 10 90 | Ċikkulata u preparati oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw<br>- trab tal-kawkaw, li fih zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda:<br>- - b'65% jew aktar, iżda anqas minn 80%, bil-piż, ta' sukrożju (inkluż zokkor maqlub muri bħala sukrożju) jew iżoglukożju muri bħala sukrożju<br>- - bi 80% jew aktar, bil-piż, ta' sukrożju (inkluż zokkor invertit muri bħala sukrożju) jew iżoglukożju muri bħala sukrożju |
| 1806 20 95 | - Preparati oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw fi blokok, ċangaturi jew biċċiet sħaħ li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra fil-kwantità f'kontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg<br>--Oħrajn<br>---Oħrajn |
| 1901 90 99 | Estratt tax-xgħir; preparati ta' ikel tad-dqiq, ħafur, pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma jkunx fihom kawkaw jew li fihom anqas minn 40%, bil-piż, kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; preparati ta' l-ikel tal-prodotti ta' l-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 5%, bil-piż, kawkaw ikkalkulat kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra<br>- oħrajn<br>--Estratt tax-xgħir:<br>--- oħrajn |
| 2101 12 98 | Preparati oħra b'bażi ta' kafé. |
| 2101 20 98 | Preparati oħra b'bażi ta' ta' té jew maté. |
| 2106 90 59 | Preparati ta' l-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra<br>- oħrajn<br>-- oħrajn |
| | Preparati ta' l-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra: |

| | |
|---|---|
| 2106 90 98 | - oħrajn (minbarra konċentrati ta' proteina u sustanzi ta’ proteina b'konsistenza)<br><br>-- oħrajn<br><br>--- oħrajn |
| 2202 90 91 | Ilma, inkluż ilma minerali u ilma effervexxenti, li fih zokkor jew xi sustanza oħra ta’ ħlewwa jew togħma miżjuda, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, għajr meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta’ l-intestatura 2009:<br><br>- oħrajn<br><br>-- anqas minn 0.2 % |
| 3302 10 29 | Taħlit ta’sustanzi bir-riħa u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b’bażi ta’waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta’tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparati oħrajn ibbażati fuq sustanzi bir-riħa, ta’tip użati għall-manifattura ta' xarbiet:<br><br>-Ta' tip użat fl-industriji ta’ l-ikel jew tax-xorb<br><br>--Tat-tip użat fl-industriji tax-xarbiet:<br><br>---Preparati li fihom l-aġenti kollha li jagħtu t-togħma li jikkaratterizzaw xarba:<br><br>----B’saħħa alkoħolika attwali bil-volum aktar minn 0.5 %<br><br>----Oħrajn:<br><br>-----Li ma fihom ebda xaħmijiet tal-ħalib, sukrożju, iżoglukożju, glukożju jew lamtu jew li, bil-piż, fihom anqas minn 1.5% xaħmijiet tal-ħalib, 5% sukrożju jew iżoglukożju, 5% glukożju jew lamtu<br><br>-----Oħrajn |

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat, in-numru ta’ l-awtorizzazzjoni ta’ l-esportatur approvat għandu jiddaħħal f’dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-parenteżi barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti għandu jkun indikat. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura tirrigwarda, kompletement jew parzjalment, prodotti li joriġinaw f'Ceura u Melilla, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

(3) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tinsab fid-dokument innifsu.

(4) F’każijiet fejn l-esportatur m’huwiex mitlub jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll l-eżenzjoni ta’ l-isem tal-firmatarju.

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA**

**dwar il-Prinċipalità ta' Andorra**

1. Il-prodotti li joriġinaw mill-Prinċipalità ta’ Andorra li jaqgħu taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom ikunu aċċettati mill-Montenegro bħala li joriġinaw mill-Komunità fis-sens ta’ dan il-Ftehim.

2. Il-Protokoll 3 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-iskop li jiġi definit l-istatus tal-prodotti hawn fuq imsemmija bħala prodotti li joriġinaw.

_____

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA**

**dwar ir-Repubblika ta' San Marino,**

1. Prodotti li joriġinaw fir-Repubblika ta' San Marino għandhom jiġu aċċettati mill-Montenegro bħala li joriġinaw fil-Komunità fi ħdan it-tifsira tal-Ftehim.

2. Il-Protokoll 3 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-iskop li jiġi definit l-istatus tal-prodotti hawn fuq imsemmija bħala prodotti li joriġinaw.

# PROTOKOLL 4
# FUQ IT-TRASPORT FUQ L-ART

### *Artikolu 1*
### *Għan*

L-għan ta' dan il-Protokoll huwa li tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fit-trasport fuq l-art, u, b'mod partikolari, il-prodotti li jkunu fi tranżitu, u li jiżgura, għal dan il-għan, li t-trasport bejn u mit-territorji tal-Partijiet jiġi żviluppat b'mod koordinat permezz ta' applikazzjoni sħiħa u interdependenti tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Protokoll.

### *Artikolu 2*
### *Skop*

1. Il-kooperazzjoni għandha tkopri t-trasport fuq l-art u, b'mod partikolari t-trasport bit-triq, it-trasport bil-ferrovija u t-trasport kombinat, u għandha tinkludi l-infrastruttura relevanti.

2. F'dan il-kuntest, l-iskop ta' dan il-Protokoll għandu jkopri, b'mod partikolari:

   – l-infrastruttura tat-trasport fit-territorju ta' Parti waħda jew oħra safejn dan hu neċessarju biex jintlaħaq l-għan ta' dan il-Protokoll,

   – l-aċċess għas-suq, fuq bażi reċiproka, fil-qasam tat-trasport bit-triq,

   – miżuri ta' sostenn legali u amministrattivi li jinkludu miżuri kummerċjali, ta' tassazzjoni, soċjali u tekniċi,

   – kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' sistema tat-trasport li tissodisfa l-ħtiġijiet ambjentali,

   – skambju regolari ta' informazzjoni fuq l-iżvilupp ta' linji ta' politika tat-trasport tal-Partijiet, b'mod partikolari rigward infrastruttura tat-trasport.

### *Artikolu 3*
### *Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' dan il-Protokoll, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) it-traffiku ta' prodotti fi tranżitu mill-Komunità il-ġarr, minn trasportatur stabbilit fil-Komunità, ta' merkanzija fi tranżitu minn ġewwa t-territorju tal-Montenegro fi triqtu lejn jew minn Stat Membru tal-Komunità;

b) it-traffiku ta' prodotti fi tranżitu mill-Montenegro: il-ġarr, minn trasportatur stabbilit fil-Montenegro, ta' merkanzija fi tranżitu mill-Montenegro minn ġewwa t-territorju

tal-Komunità u li tkun destinata għal pajjiż terz jew ta' merkanzija minn pajjiż terz destinata għall-Montenegro;

(c) trasport kombinat: it-trasport ta' merkanzija meta t-trakk, trejler, semi-trejler, b'unità ta' vettura li tinġibed jew le, qafas li jinbidel jew kontenitur ta' 20 pied jew aktar jagħmel użu mit-triq fil-parti tal-bidu jew fil-parti finali tal-vjaġġ u, fuq xi parti oħra, jagħmel użu minn servizzi ta' ferrovija jew kanal ta' l-ilma intern jew marittimi meta din il-parti tkun aktar minn 100 kilometri fuq linja dritta u jagħmlu l-parti inizjali jew il-parti finali tat-trasport bit-triq ta' dan il-vjaġġ;

– bejn il-punt fejn il-merkanzija titgħabba u l-eqreb stazzjon tal-ferrovija għat-tagħbija addattat għall-parti inizjali, u bejn l-eqreb stazzjon tal-ferrovija addattat u l-punt fejn il-merkanzija tinħatt għall-parti finali, jew

– f'raġġ li ma jeċċedix il-150 km f'linja dritta mill-port tal-kanal ta' l-ilma intern jew il-port tal-baħar tat-tagħbija jew il-ħatt.

## INFRASTRUTTURA

### *Artikolu 4*
### *Dispożizzjoni Ġenerali*

Il-Partijiet Kontraenti b'dan jiftiehmu sabiex jadottaw miżuri li jikoordinaw flimkien ħalli jiżviluppaw netwerk ta' infrastruttura ta' trasport multimodali bħala mezz importanti għas-soluzzjoni tal-problemi rigward il-ġarr tal-merkanzija minn ġewwa l-Montenegro, b'mod partikolari, fuq ir-rotot tat-triq 1, 2b, 4 u 6, li jgħaqqdu l-fruntiera mal-Kroazja ma' Bar, il-fruntiera mal-Bożnja u l-Ħerżegovina mal-fruntiera ma' l-Albanija, il-fruntiera mas-Serbja ma' Misiċi u Ribaravina ma' Bac fil-fruntiera mas-Serbja rispettivament; ir-rotot tal-ferrovija 2 u 4 li jgħaqqdu lil Podgorica mal-fruntiera ma' l-Albanija u l-fruntiera mas-Serbja ma' Bar; il-port ta' Bar u l-ajruport ta' Podgorica, li jagħmlu parti mis-CRTN (core regional tranport network), kif definit fil-Memorandum ta' Ftehim imsemmi fl-Artikolu 5.

*Artikolu 5*
*Ippjanar*

L-iżvilupp ta' netwerk ta' infrastruttura ta' trasport multimodali fit-territorju tal-Montenegro li jaqdi l-bżonnijiet tal-Montenegro u tar-reġjun tax-Xlokk ta' l-Ewropa u li jkopri r-rotot tat-triq u tal-ferrovija, il-kanali interni ta' l-ilma, il-portijiet interni, il-portijiet, l-ajruporti u mezzi rilevanti oħra ewlenin tan-netwerk huwa ta' interess partikolari għall-Komunità u għall-Montenegro. Dan in-netwerk ġie ddefinit fil-Memorandum ta' Ftehim għall-iżvilupp ta' netwerk ta' infrastruttura ta' trasport ċentrali għax-Xlokk ta' l-Ewropa, li ġie ffirmat mill-Ministri tar-reġjun u mill-Kummissjoni Ewropea f'Ġunju 2004. *L-iżvilupp tan-netwerk u l-għażla tal-prijoritajiet qiegħda ssir mill-Kumitat ta' Tmexxija magħmul mir-rappreżentanti ta' kull wieħed mill-firmatarji.*

*Artikolu 6*
*Aspetti finanzjarji*

1. Il-Komunità tista' tikkontribwixxi finanzjarjament, taħt l-Artikolu 116 tal-Ftehim, għall-infrastruttura neċessarja msemmija fl-Artikolu 5. Il-kontribut finanzjarju jista' jkun fil-forma ta' kreditu mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment u kull forma oħra ta' ffinanzjar li tista' tipprovdi aktar riżorsi addizzjonali.

2. Sabiex tħaffef ix-xogħol, il-Kummissjoni ser tagħmel l-almu tagħha, safejn hu possibbli, biex tinkoraġġixxi l-użu ta' riżorsi addizzjonali bħall-investiment minn xi Stati Membri fuq bażi bilaterali jew minn fondi pubbliċi jew privati.

**TRASPORT BIL-FERROVIJA U TRASPORT KOMBINAT**

*Artikolu 7*
*Dispożizzjoni ġenerali*

Il-Partijiet ser jadottaw miżuri li jikoordinaw flimkien li huma neċessarju għall-iżvilupp u l-promozzjoni tat-trasport bil-ferrovija u t-trasport kombinat bħala mezz biex jiżguraw li, fil-futur, proporzjon importanti tat-trasport bilaterali u tat-trasport li jgħaddi bi tranżitu mill-Montenegro jseħħ taħt kundizzjonijiet li jirrispettaw aktar l-ambjent.

*Artikolu 8*
*Aspetti partikolari li jirrigwardaw l-infrastruttura*

Bħala parti mill-modernizzazzjoni tal-linji tal-ferrovija tal-Montenegro, għandhom jittiedu l-passi neċessarji sabiex is-sistema tiġi adattata għat-trasport kombinat, b'mod partikolari rigward l-iżvilupp jew il-bini ta' terminali, mezzi ta' kejl fil-mini u kapaċità, li jirrikjedu investiment sostanzjali.

*Artikolu 9*
*Miżuri ta' sostenn*

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jinkoraġġixxu l-iżvilupp tat-trasport kombinat.

L-għan ta' miżuri bħal dawn ser ikun:

– li jinkoraġġixxu l-użu ta' trasport kombinat minn utenti u kunsinnaturi;

– li jagħmlu t-trasport kombinat kompetittiv fir-rigward tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari permezz tas-sostenn finanzjarju tal-Komunità u l-Montenegro fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom,

– li jinkoraġġixxu l-użu tat-trasport kombinat fuq distanzi twal u li jippromwovu, b'mod partikolari, l-użu ta' oqfsa li jinbidlu, kontenituri u trasport mhux akkumpanjat b'mod ġenerali,

– li jtejbu l-veloċità u l-affidabbiltà tat-trasport kombinat u, b'mod partikolari:

– li jżidu l-frekwenza tal-convoys skond il-bżonnijiet tal-kunsinnaturi u ta' l-utenti,

– li jnaqqsu l-ħin ta' stennija fit-terminali u li jżidu l-produttività tagħhom,

– li jneħħu, b'mod xieraq, kull ostakolu tar-rotot ta' avviċinament sabiex jitjieb l-aċċess għat-trasport kombinat,

– li jarmonizzaw, fejn hu neċessarju, l-piżijiet, dimensjonijiet u karatteristiċi tekniċi ta' tagħmir speċjalizzat, b'mod partikolari sabiex jiżguraw il-kompatibbiltà neċessarja tal-mezzi ta' kejl u li jieħdu azzjoni koordinata sabiex jordnaw u jdaħħlu fis-servizz dak it-tagħmir meħtieġ mil-livell ta' traffiku,

– u, b'mod ġenerali, li jieħdu kull azzjoni xierqa oħra.

*Artikolu 10*
*Ir-rwol tal-linji tal-ferrovija*

Rigward is-setgħat rispettivi ta' l-Istati u l-linji tal-ferrovija, il-Partijiet għandhom, fil-każ ta' kemm it-trasport tal-passiġġieri kif ukoll it-trasport tal-merkanzija, jirrakkmandaw li l-linji tal-ferrovija tagħhom:

– iżidu l-kooperazzjoni, kemm jekk bilaterali, multilaterali jew f'organizzazzjonijiet dinjija tal-linji tal-ferrovija, fl-oqsma kollha, b'mod partikolari, fir-rigward tat-titjib tal-kwalità u s-sigurezza tas-servizzi ta' trasport,

– jippruvaw jistabbilixxu flimkien sistema ta' organizzazzjoni tal-linji tal-ferrovija sabiex jinkoraġġixxu l-kunsinnaturi jibgħatu merkanzija bil-ferrovija minflok bit-triq, b'mod partikolari għal għanijiet ta' tranżitu, fuq bażi ta' kompetizzjoni ġusta u filwaqt li jħallu lill-utent libertà ta' l-għażla f'dan ir-rigward,

– jippreparaw għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fl-implementazzjoni u fl-iżvilupp futur ta' l-*acquis* Komunitarju dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija.

## TRASPORT BIT-TRIQ

### *Artikolu 11*
### *Dispożizzjonijiet Ġenerali*

1. Rigward l-aċċess reċiproku għas-swieq tat-trasport, il-Partijiet jaqblu, inizjalment u bla ħsara għall-paragrafu 2, li jżommu s-sistema li tirriżulta mill-ftehimiet bilaterali jew strumenti internazzjonali bilaterali eżistenti oħra konklużi bejn kull wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità u l-Montenegro jew, fejn m'hemmx ftehimiet jew strumenti bħal dawn, li tirrizulta mis-sitwazzjoni *de facto* fl-1991.

   Madankollu, sakemm jiġu konklużi l-ftehimiet bejn il-Komunità u l-Montenegro dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport bit-triq, li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 12 u dwar it-tassazzjoni tat-toroq, li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 13.2, il-Montenegro ser tikkoopera ma' l-Istati Membri tal-Komunità sabiex dawn il-ftehimiet bilaterali jiġu emendati sabiex jiġu adattati għal dan il-Protokoll.

2. Il-Partijiet b'dan jaqblu li jagħtu aċċess mingħajr restrizzjoni lit-traffiku ta' tranżitu Komunitarju minn ġewwa l-Montenegro u lit-traffiku ta' tranżitu tal-Komunità minn ġewwa l-Komunità b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Jekk, b'riżultat tad-drittijiet mogħtija bis-saħħa tal-paragrafu 2, it-traffiku ta' tranżitu minn trasportaturi Komunitarji jiżdied b'tali mod li jikkawża jew jhedded li joħloq dannu serju lill-infrastruttura u/jew il-fluwidità tat-traffiku fuq l-assi msemmija fl-Artikolu 5, u, taħt l-istess ċirkostanzi, jinħolqu problemi fit-territorju Komunitarju qrib il-fruntieri tal-Montenegro, il-kwistjoni għandha tiġi sottomessa lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni skond l-Artikolu 121 tal-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jippproponu dawk il-miżuri ta' eċċezzjoni temporanji u non-diskriminatorji li huma neċessarji biex jillimitaw jew inaqqsu tali dannu.

4. Jekk il-Komunità Ewropea tistabbilixxi regoli bl-għan li jnaqqsu t-tniġġis kawżat minn vetturi tqal li jġorru l-merkanzija reġistrati fl-Unjoni Ewropea u li jtejbu s-sigurtà tat-traffiku, għandha tapplika sistema simili għall-vetturi tqal li jġorru l-merkanzija reġistrati fil-Montenegro u li jixtiequ jiċċirkolaw fit-territorju tal-Komunità Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiddeċiedi il-modalitajiet neċessarji.

5. Il-Partijiet għandhom joqogħdu lura milli jieħdu xi azzjoni unilaterali li tista' twassal għal diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi jew il-vetturi Komunitarji u t-trasportaturi jew il-vetturi mill-Montenegro. Kull Parti Kontraenti għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiffaċilita t-trasport bit-triq lejn jew mit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra.

*Artikolu 12*
*Aċċess għas-suq*

Il-Partijiet għandhom, bħala prijorità, jimpenjaw irwieħhom sabiex, soġġett għar-regoli interni tagħhom, jaħdmu flimkien biex ifittxu,

– strateġiji ta' azzjoni li x'aktarx jiffavorixxxu l-iżvilupp ta' sistema tat-trasport li tissodisfa l-bżonnijiet tal-Partijiet Kontraenti u li hija kompatibbli, minn naħa, mat-tlestija tas-suq intern Komunitarju u l-implimentazzjoni ta' politika komuni tat-trasport u, min-naħa l-oħra, mal-politika ekonomika u tat-trasport tal-Montenegro,

– sistema definittiva biex aċċess futur għas-suq tat-trasport bit-triq jiġi regolat fuq bażi ta' reċiproċità bejn il-Partijiet Kontraenti.

*Artikolu 13*
*Tassazzjoni, ħlasijiet għall-użu tat-toroq u ħlasijiet oħrajn*

1. Il-Partijiet jaċċettaw li t-tassazzjoni fuq il-vetturi tat-triq, il-ħlasijiet għall-użu tat-toroq u ħlasijiet oħrajn fuq kull naħa m'għandhomx ikunu diskriminatorji.

2. Il-Partijiet ser jibdew negozjati bl-għan li jaslu għal ftehim dwar it-tassazzjoni fuq it-triq mill-aktar fis, fuq il-bażi tar-regoli li l-Komunità adottat dwar dan is-suġġett. L-għan ta' dan il-Ftehim ser ikun, b'mod partikolari, li jiżgura ċirkolazzjoni libera tat-traffiku li jaqsam il-fruntieri, li jelimina, b'mod progressiv, id-differenzi bejn is-sistemi ta' tassazzjoni tat-triq applikati mill-Partijiet u li jelimina t-tfixkil fil-kompetizzjoni li jirriżultaw minn tali differenzi.

3. Sakemm man-negozjati msemmija fil-paragrafu 2 jiġu konklużi, il-Partijiet ser jeliminaw id-diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi tal-Komunità u l-Montenegro meta jiġbru t-taxxi u l-ħlasijiet fuq iċ-ċirkolazzjoni u/jew il-pussess ta' vetturi tqal li jġorru l-merkanzija kif ukoll taxxi jew ħlasijiet miġbura fuq operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tal-Partijiet. Il-Montenegro jimpenja ruħu li jinnotifika l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, jekk jiġi mitlub jagħmel dan, bl-ammont tat-taxxi, ħlasijiet għall-użu tat-toroq u ħlasijiet oħrajn li tapplika kif ukoll il-metodi kif tikkalkulahom.

4. Sa ma jiġu konklużi l-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 u fl-Artikolu 12, kull bidla proposta wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal ħlasijiet fiskali, ħlasijiet għall-użu tat-toroq u ħlasijiet oħra, inklużi sistemi għall-kollezzjoni tagħhom li jistgħu jiġu applikati għat-traffiku Komunitarju fi tranżitu minn ġewwa l-Montenegro għandha tkun suġġetta għal proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel.

*Artikolu 14*
*Piżijiet u dimensjonijiet*

1. Il-Montenegro jaċċetta li vetturi tat-triq li jirrispettaw standards Komunitarji dwar piżijiet u dimensjonijiet jistgħu jiċċirkolaw liberament u mingħajr tfixkil f'dan ir-rigward fuq ir-rotot koperti mill-Artikolu 5. Matul is-sitt xjur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-vetturi tat-triq li ma jirrispettawx l-istandards eżistenti tal-

Montenegro jisgħu jkunu soġġetti għal ħlas speċjali li ma jkunx diskriminatorju li jirrifletti d-dannu kkwawżat mill-piż addizzjonali tal-fusijiet tar-roti.

2. Il-Montenegro ser jagħmel l-almu tiegħu biex jarmonizza r-regolamenti u l-istandards għall-bini tat-toroq eżistenti tiegħu mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Komunità sa tmiem il-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u ser jagħmel sforzi maġġuri biex ir-rotot eżistenti koperti mill-Artikolu 5 jitjiebu għal-livell ta' dawk ir-regolamenti u l-istandards il-ġodda fiż-żmien propost, skond il-possibiltajiet finanzjarji tiegħu.

***Artikolu 15***
***L-ambjent***

1. Sabiex iħarsu l-ambjent, il-Partijiet ser jagħmlu l-almu tagħhom biex idaħħlu standards li jiżguraw livell għoli ta' ħarsien dwar emissjonijiet ta' gass u ta' partikoli u dwar il-livelli tal-ħoss għal vetturi tqal li jġorru l-merkanzija.

2. Sabiex l-industrija tingħata informazzjoni ċara u sabiex jiġu inkoraġġuti riċerka, programmar u produzzjoni koordinati, għandhom jiġu evitati standards nazzjonali li jkunu eċċezzjoni f'dan il-qasam.
Vetturi li jirrispettaw standards stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali li jkunu wkoll jirrigwardaw l-ambjent jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet oħra fit-territorju tal-Partijiet.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex jiksbu l-għanijiet hawn fuq imsemmija bl-iskop li jdaħħlu standards ġodda.

***Artikolu 16***
***Aspetti soċjali***

1. Il-Montenegro għandu jarmonizza l-leġiżlazzjoni tagħha dwar it-taħriġ tal-persunal tat-trasportaturi bit-triq fir-rigward tal-ġarr ta' merkanzija perikoluża ma' l-istandards tal-KE.

2. Il-Montenegro, bħala parti kontraenti tal-Ftehim Ewropew dwar ix-xogħol ta' ħaddiema ta' vetturi li joperaw fit-trasport internazzjonali bit-triq (ERTA), u l-Komunità ser jikkoordinaw, safejn hu possibbli, il-politika tagħhom dwar il-ħin tas-sewqan, l-interruzzjonijiet u l-perjodu ta' serħan għas-sewwieqa u l-kompożizzjonijiet ta' l-ekwipaġġ, fir-rigward ta' l-iżvilupp futur tal-leġiżlazzjoni soċjali f'dan il-qasam.

3. Il-Partijiet ser jikkooperaw rigward l-implimintazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni soċjali fil-qasam tat-trasport bit-triq.

4. Il-Partijiet ser jiżguraw li l-liġijiet rispettivi tagħhom dwar id-dħul fl-impjieg ta' operatur fit-trasport bit-triq isiru ekwivalenti bil-għan li jkun hemm rikonoxximent reċiproku.

*Artikolu 17*
*Disposizzjonijiet dwar it-traffiku*

1. Il-Partijiet ser jaqsmu l-esperjenza tagħhom u ser jagħmlu l-almu tagħhom biex jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex itejbu ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fiż-żminijiet meta t-talba tkun fl-ogħla livell tagħha (tmiem il-ġimgħa, vakanzi pubbliċi u l-istaġun turistiku).

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom ġeneralment jinkoraġġixxu l-introduzzjoni, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tas-sistema ta' l-informazzjoni għat-traffiku tat-toroq.

3. Huma għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-ġarr ta' merkanzija li titħassar, annimali ħajjin u sustanzi perikoluż i.

4. Il-Partijiet għandhom ukoll jagħmlu l-almu tagħhom biex jarmonizzaw l-għajnuna teknika li għandha tingħata lis-sewwieqa, it-tqassim ta' informazzjoni essenzjali dwar it-traffiku u suġġetti oħra li jinteressaw it-turisti kief ukoll servizzi ta' emerġenża inklużi servizzi ta' l-ambulanza.

*Artikolu 18*
*Sigurtà fit-toroq*

1. Il-Montenegro għandha tarmonizza l-leġiżlazzjoni tagħha dwar is-sigurtà fit-toroq, b'mod partikolari rigward it-trasport ta' merkanzija perikoluża, ma' dik tal-Komunità sa tmiem it-tieni sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Montenegro, bħala Parti kontraenti tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali bit-Triq ta' Merkanzija Perikoluża (ADR), u l-Komunità ser jikkoordinaw safejn hu possibbli l-politika tagħhom dwar il-ġarr ta' merkanzija perikoluża.

3. Il-Partijiet ser jikkooperaw rigward l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar is-siġurtà fit-toroq, b'mod partikolari dwar liċenzji tas-sewqan u miżuri biex jitnaqqsu l-inċidenti tat-traffiku.

**SIMPLIFIKAZZJONI TAL-FORMALITAJIET**

*Artikolu 19*
*Simplifikazzjoni tal-formalitajiet*

1. Il-Partijiet jaqblu li jissimplifikaw iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija bil-ferrovija u bit-triq, kemm jekk bilaterali kemm jekk fi tranżitu.

2. Il-Partijiet jaqblu li jibdew negozjati bl-għan li jikkonkludu ftehim dwar il-faċilitazzjoni ta' kontrolli u formalitajiet relatati mal-ġarr tal-merkanzija.

3. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu, safejn hu neċessarju, li jieħdu azzjoni konġunta dwar, u li jinkoraġġixxu, l-adozzjoni ta' aktar miżuri ta' simplifikazzjoni.

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### *Artikolu 20*
### *Estensjoni ta' l-iskop*

Jekk waħda mill-Partijiet tikkonkludi, fuq il-bażi ta' l-esperjenza fl-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, li miżuri oħra, li ma jaqgħux fl-iskop tal-Protokoll, ikunu fl-interess ta' politika Ewropea koordinata tat-trasport u, b'mod partikolari, li jistgħu jgħinu sabiex jirrisolvu l-problema tat-traffiku fi tranżitu, hija għandha tagħmel suġġerimenti f'dan ir-rigward lill-Parti l-oħra.

### *Artikolu 21*
### *Implimentazzjoni*

1. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha sseħħ fil-qafas ta' Sottokumitat speċjali li għandu jinħoloq skond l-artikolu [128] tal-Ftehim.

2. B'mod partikolari, dan is-Sottokumitat:

   a) għandu iħejji pjani għall-kooperazzjoni fuq it-trasport bil-ferrovija u kombinat, ir-riċerka dwar it-trasport u l-ambjent;

   b) ser janalizza l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet li jinsabu f'dan il-Protokoll u ser jirrakkomanda lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni soluzzjonijiet xierqa għal problemi possibbli li jistgħu jseħħu;

   (c) għandu, sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, jagħmel evalwazzjoni tas-sitwazzjoni f'dak li jirrigwarda t-titjib fl-infrastruttura u l-implikazzjoni tat-tranżitu liberu;

   (d) għandu jikkoordina l-monitoraġġ, it-tbassir u xogħol ta' statistika ieħor li jirrigwarda t-trasport internazzjonali u, b'mod partikolari, it-traffiku tat-toroq ta' prodotti fi tranżitu.

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

1. Il-Komunità u l-Montenegro jinnotaw li l-livelli ta' emissjonijiet tal-gass u l-livelli tal-ħoss li bħalissa huma aċċettati mill-Komunità għall-iskopijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tqal li jġorru l-merkanzija mill-01.01.2001[1] huma dawn li ġejjin:

**Valuri limitu mkejla bit-testijiet tal-European Steady Cycle (ESC) u l-European Load Response (ELR):**

| | | Massa ta' monossidu tal-karbonju | Massa ta' idrokarburi | Massa ta' ossidi tal-kubrit | Massa ta' partikolati | Duħħan |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (CO) g/kWh | (HC) g/kWh | (NOx) g/kWh | (PT) g/kWh | $m^{-1}$ |
| Ringiela A | Euro III | 2.1 | 0.66 | 5.0 | 0.10<br>0.13 (a) | 0.8 |

(a) Għall-magni li għandhom volum miknus ta' anqas 0.75 $dm^3$ għal kull ċilindru u veloċità ta' qawwa kklassifikata ta' aktar minn 3000 $min^{-1}$

[1] Direttiva 1999/96/KE tat-13 ta' Diċembru 1999, ĠU L 44/1,16.2.2000 pġ 1.

**Valuri limitu mkejla fuq il-European Transient Cycle (ETC):**

| | | Massa ta' monossidu tal-karbonju | Massa ta' Idrokarburi mhux tal-metanu | Massa ta' metanu | Massa ta' ossidi tal-kubrit | Massa ta' partikolati |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (CO) g/kWh | (NMHC) g/kWh | ($CH_4$) (b) g/kWh | (NOx) g/kWh | (PT) (c) g/kWh |
| Ringi ela A | Euro III | 5.45 | 0.78 | 1.6 | 5.0 | 0.16<br>0.21 (a) |

(a) Għall-magni li għandhom volum miknus ta' anqas 0.75 $dm^3$ għal kull ċilindru u veloċità ta' qawwa kklassifikata ta' aktar minn 3000 $min^{-1}$.

(b) Għal magni tal-gass naturali biss.

(c) Mhux applikabbli għal magni li jaħdmu bil-gass.

2. Fil-futur, il-Komunità u l-Montenegro ser jagħmlu l-almu tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur bl-użu ta' l-aktar teknoloġija avvanzata tal-kontroll ta' emissjonijiet tal-vetturi flimkien ma' kwalità mtejba ta' fjuwil tal-magni.

# PROTOKOLL 5
# FUQ L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT LILL-INDUSTRIJA TA' L-AZZAR

1. Il-Partijiet jagħrfu l-bżonn li l-Montenegro tindirizza fil-pront kull dgħufija tas-settur ta' l-azzar tagħha sabiex tiżgura li l-industrija tagħha tkun kompetittiva fuq bażi globali.

2. Fuq il-bażi tar-regoli stipulati mill-Artikolu 73(1)(iii) ta' dan il-Ftehim, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' l-għajnuna mill-Istat lill-industrija ta' l-azzar kif definita fl-Anness I tal-Linji Gwida fuq l-għajnuna nazzjonali reġjonali għall-2007-2013 ser issir fuq il-bażi ta' kriterji li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lis-settur ta' l-azzar, bil-leġiżlazzjoni sussidjarja inkluża.

3. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 73(1)(iii) tal-Ftehim għall-industrija ta' l-azzar, il-Komunità tirrikonoxxi li, matul il-ħames snin ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Montenegro jista', fuq bażi eċċeżżjonali, jagħti għajnuna mill-Istat għal skopijiet ta' ristrutturar lil kumpanniji li jipproduċu l-azzar li jkunu f'diffikultà, sakemm

   – din twassal għall-vijabilità fit-tul ta' l-azjendi benefiċjarji taħt il-kundizzjonijiet normali tas-suq ma' tmiem il-perjodu ta' ristrutturazzjoni, u

   – l-ammont u l-intensità ta' tali għajnuna jkunu strettament limitati għal dak li hu assolutament neċessarju sabiex terġa' tiġi stabbilita tali vijabilità u l-għajnuna, tkun, fejn dan hu xieraq, imnaqqsa b'mod progressiv;

   – Il-Montenegro tippreżenta programmi ta' ristrutturar li huma marbuta ma' razzjonalizzazzjoni globali li tinkludi l-għeluq ta' kapaċità ineffiċjenti. Kull kumpanija li tipproduċi l-azzar li tibbenefika minn għajnuna għar-ristrutturar għandha, safejn hu possibbli, tipprovdi għal miżuri kompensatorji li jwieżnu t-tfixkil fil-kompetizzjoni kkawżat mill-għajnuna.

4. Il-Montenegro għandha tissottometti lill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni tagħha Programm Nazzjonali ta' Ristrutturazzjoni u pjani tan-negozju individwali għal kull waħda mill-kumpanniji li jgawdu minn għajnuna għar-ristrutturazzjoni u li juru li l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ġew sodisfatti.

   Il-pjani tan-negozju individwali għandhom ikunu ġew evalwati u approvati mill-Awtorità li tissorvelja l-Għajnuna mill-Istat tal-Montenegro fid-dawl tar-rispett tagħhom tal-paragrafu 3 ta' dan il-Protokoll.

   Il-Kummissjoni għandha tikkonferma li l-Programm Nazzjonali ta' Ristrutturazzjoni jkun jirrispetta r-rekwiżiti tal-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implementazzjoni tal-pjani, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari l-Awtorità li tissorvelja l-Għajnuna mill-Istat tal-Montenegro.

   Jekk is-sorveljanza tindika li ngħatat għajnuna lill-benefiċjarji li mhijiex approvata fil-Programm Nazzjonali ta' Ristrutturazzjoni jew xi għajnuna ta' ristrutturazzjoni lil impriżi ta' l-azzar li mhijiex identifikata fil-Programm Nazzjonali ta' Ristrutturazzjoni mid-data tal-firma tal-Ftehim 'il quddiem, l-Awtorità li tissorvelja l-Għajnuna mill-Istat tal-Montenegro għandha tiżgura li tali għajnuna titħallas lura.

6. Fuq talba f'dan ir-rigward, il-Komunità għandha tipprovdi lill-Montenegro b'sostenn tekniku għall-preparazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Ristrutturazzjoni u l-pjani tan-negozju individwali.

7. Kull Parti għandha tiżgura trasparenza sħiħa rigward l-għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, rigward għajnuna mill-Istat mogħtija għall-produzzjoni ta' l-azzar fil-Montenegro u għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni u tal-pjani tan-negozju, għandu jkun hemm skambju sħiħ u komplut ta' informazzjoni.

8. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 hawn fuq. Għal dan l-għan, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jabbozza regoli ta' implimentazzjoni.

9. Jekk waħda mill-Partijiet tikkunsidra li prattika partikolari tal-Parti l-oħra hija inkompatibbli mat-termini ta' dan il-Protokoll, u jekk dik il-prattika tikkawża jew thedded li tikkawża preġudizzju għall-interessi ta' l-ewwel Parti u dannu materjali għall-industrija nazzjonali tagħha, din il-Parti tista' tieħu l-miżuri xierqa, wara li ssir konsultazzjoni fi ħdan is-Sottokumitat li jkun qiegħed jittratta l-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni jew wara tletin jum ta' xogħol wara r-rinviju għal tali konsultazzjoni.

# PROTOKOLL 6
# PROTOKOLL DWAR GĦAJNUNA AMMINISTRATTIVA REĊIPROKA F'KWISTJONIJIET DOGANALI MONTENEGRO

### *Artikolu 1*
### *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) “leġiżlazzjoni doganali” għandha tfisser kull disposizzjoni legali jew regolatorja li tapplika fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti u li tirregola l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-transitu ta’ merkanzija u t-tqegħid tagħha taħt kull sistema jew proċedura doganali, inklużi miżuri ta’ projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll;

(b) "awtorità applikanti" tfisser l-awtorità amministrattiva kompetenti li tkun ġiet innominata minn Parti Kontraenti għal dan il-għan u li tagħmel talba għal assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll;

(c) "awtorità li tirċievi t-talba" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun ġiet innominata minn Parti Kontraenti għal dan il-għan u li tirċievi talba għall-assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll;

(d) "data personali" tfisser kull informazzjoni li għandha x'taqsam ma' individwu identifikat jew identifikabbli;

(e) "operazzjoni bi ksur il-leġiżlazzjoni doganali" tfisser kull ksur jew attentat ta' ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;.

### *Artikolu 2*
### *Skop*

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jassistu lil xulxin, fiż-żoni li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, bil-mod u taħt il-kundizzjonijiet preskritti f'dan il-Protokoll, biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-ġlieda kontra operazzjonijiet bi ksur ta' din il-leġiżlazzjoni.

2. L-assistenza fi kwistjonijiet doganali, kif previst f'dan il-Protokoll, għandha tapplika għal kull awtorità amministrattiva tal-Partijiet Kontraenti li hija kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Hija m'għandhiex tippreġudika r-regoli li jirregolaw l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali. Lanqas m'għandha tkopri informazzjoni miksuba taħt setgħat eżerċitati fuq it-talba ta' awtorità ġudizzjarja,

ħlief fejn il-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni hija awtorizzata minn dik l-awtorità.

3. L-assistenza għall-irkupru ta' dazji, taxxi jew multi mhijiex koperta minn dan il-Protokoll.

***Artikolu 3***
***Assistenza fuq talba***

1. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tipprovdiha bl-informazzjoni kollha relevanti li tista' tippermettilha li tiżgura li l-leġiżlazzjoni doganali tkun applikata kif imiss, inkluża informazzjoni li għandha x'taqsam ma' attivitajiet innotati jew ippjanati li huma jew li jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

2. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha tgħarrafha:

   (a) jekk il-merkanzija esportata mit-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti ġietx importata b'mod korrett fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, filwaqt li tispeċifika, fejn dan huwa xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-merkanzija;

   (b) jekk il-merkanzija importata fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti ġietx esportata b'mod korrett fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, filwaqt li tispeċifika, fejn dan huwa xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-merkanzija;

3. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji tagħha, tieħu l-passi meħtieġa sabiex tiżgura sorveljanza speċjali ta':

   (a) persuni naturali jew ġuridiċi li, fir-rigward tagħhom, ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li huma jew li kienu involuti f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

   (b) postijiet fejn ħażniet tal-merkanzija ġew jew jistgħu jiġu mmuntati b'tali mod li hemm bażi raġonevoli biex wieħed jista' jemmen li hemm l-intenzjoni li din il-merkanzija tintuża f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

   (c) merkanzija li hija jew li tista' tiġi ttrasportata b'tali mod li hemm bażi raġonevoli biex wieħed jista' jemmen li hemm l-intenzjoni li din il-merkanzija tintuża f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

   (d) mezzi tat-trasport li huma jew li jistgħu jiġu użati b'tali mod li hemm bażi raġonevoli biex wieħed jista' jemmen li hemm l-intenzjoni jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

*Artikolu 4*
*Assistenza spontanja*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħinu lil xulxin, fuq l-inizjattiva tagħhom stess u skond id-disposizzjonijiet legali jew regolatorji tagħhom, jekk huma jqisu li dan ikun meħtieġ għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, partikolarment billi jipprovdu informazzjoni miksuba li għandha x'taqsam ma':

– attivitajiet li huma, jew li jidhru li huma, operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali jew li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti Kontraenti l-oħra;

– mezzi jew metodi ġodda użati fit-twettiq ta' operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

– merkanzija li jkun magħruf li hija s-suġġett ta' operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

– persuni naturali jew ġuridiċi li, fir-rigward tagħhom, ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li huma jew li kienu involuti f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

– mezzi tat-trasport li fir-rigward tagħhom hemm bażi raġonevoli li wieħed ikollu għaliex jaħseb illi kienu, huma jew jistgħu jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

*Artikolu 5*
*Kunsinna, Notifika*

Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha, skond id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji applikabbli għal din ta' l-aħħar, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex:

– tikkunsinna kull dokument, jew

– tinnotifika kull deċiżjoni,

li joriġinaw mill-awtorità applikanti u li jaqgħu fl-iskop ta' dan il-Protokoll, lil kull persuna indirizzata li tirrisjedi jew li hija stabbilita fit-territorju ta' l-awtorità li tirċievi t-talba.

It-talbiet għall-kunsinna ta' dokumenti jew notifika ta' deċiżjonijiet għandhom isiru bil-miktub f'lingwa uffiċjali ta' l-awtorità li tirċievi t-talba jew f'lingwa aċċettabbli għal dik l-awtorità.

*Artikolu 6*
*Forma u sustanza tat-talbiet għal assistenza*

1. It-talbiet skond dan il-Protokoll għandhom isiru bil-miktub. Huma għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti neċessarji sabiex jippermettu s-sodisfazzjoni tat-talba. Meta meħtieġa minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jistgħu jiġu aċċettati talbiet bil-fomm, iżda dawn għandu jiġu kkonfermati bil-miktub minnufih.

2. Talbiet li huma magħmula skond il-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-awtorità applikanti;

(b) il-miżura mitluba,

(c) is-suġġett u r-raġuni tat-talba;

(d) id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji u elementi legali oħra involuti;

(e) indikazzjonijiet eżatti u komprensivi kemm jista' jkun dwar il-persuni naturali jew ġuridiċi li jkunu l-mira ta' l-investigazzjonijiet;

(f) il-fatti relevanti u l-investigazzjonijiet diġà mwettqa fil-qosor.

3. It-talbiet għandhom jintbagħtu fil-lingwa uffiċjali ta' l-awtorità li tirċievi t-talba jew f'lingwa aċċettabbli għal dik l-awtorità. Dan ir-rekwiżit m'għandux jgħodd għal kwalunkwe dokument li jakkumpanja it-talba taħt il-paragrafu 1.

4. Jekk it-talba ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti formali stipulati hawn fuq, tista' tiġi mitluba l-korrezzjoni jew it-tkomplija tagħha; fil-frattemp jistgħu jiġu ordnati miżuri ta' prekawzjoni.

***Artikolu 7***
***Eżekuzzjoni tat-talbiet***

1. Sabiex tikkonforma ma' talba għall-assistenza, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u r-riżorsi disponibbli, daqslikieku kienet qed taġixxi għaliha stess jew fuq it-talba ta' awtoritajiet oħra ta' l-istess Parti Kontraenti, billi tipprovdi l-informazzjoni diġà fil-pussess tagħha, billi twettaq l-investigazzjonijiet xierqa jew billi tagħmel mod li dawn jitwettqu. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal kull awtorità oħra li lilha tkun ġiet indirizzata talba mill-awtorità li tirċievi t-talba meta din ta' l-aħħar ma tkunx tista' taġixxi waħidha.

2. It-talbiet għal assistenza għandhom ikunu eżegwiti skond id-disposizzjonijiet legali jew regolatorji tal-Parti Kontraenti li tirċievi t-talba.

3. L-uffiċjali tal-Parti Kontraenti li jkunu debitament awtorizzati jistgħu, bi ftehim mal-Parti Kontraenti involuta l-oħra u suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn din ta' l-aħħar, ikunu preżenti sabiex jiksbu fl-uffiċċji ta' l-awtorità li tirċievi t-talba jew kull awtorità oħra kkonċernata skond il-paragrafu 1, informazzjoni li tikkonċerna attivitajiet li huma jew li jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li l-awtorità applikanti jkollha bżonn għall-iskopijiet ta' dan il-Protokoll.

4. L-uffiċjali debitament awtorizzati tal-Parti Kontraenti involuti jistgħu, bi ftehim mal-Parti Kontraenti l-oħra involuta u suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn din ta' l-aħħar, ikunu preżenti għall-investigazzjonijiet mwettqa fit-territorju ta' din ta' l-aħħar.

*Artikolu 8*
*Formola li fiha għandha tkun ikkomunikata l-informazzjoni*

1. L-awtorità li tirċievi t-talba għandha tikkomunika r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet lill-awtorità applikanti bil-miktub flimkien mad-dokumenti relevanti, kopji ċċertifikati jew affarijiet oħra.

2. Din l-informazzjoni tista' tkun f'forma komputerizzata.

3. Id-dokumenti oriġinali għandhom jintbagħtu biss wara li ssir talba fil-każi fejn il-kopji ċċertifikati ma jkunux biżżejjed. Dawn l-oriġinali għandhom jingħataw lura ma' l-ewwel opportunità.

*Artikolu 9*
*Eċċeżżjonijiet għall-obbligu li tiġi pprovduta assistenza*

1. L-assistenza tista' tiġi rrifjutata jew tista' tkun suġġetta għas-sodisfazzjon ta' ċerti kundizzjonijiet jew rekwiżiti fil-każi fejn Parti tkun ta' l-opinjoni li l-assistenza taħt dan il-Protokoll tkun:

   (a) x'aktarx tippreġudika s-sovranità tal-Montenegro jew dik ta' Stat Membru li jkun intalab li jipprovdi assistenza taħt dan il-Protokoll; jew

   (b) x'aktarx li tippreġudika l-politika pubblika, is-sigurtà jew interessi essenzjali oħra, b'mod partikolari fil-każi msemmija taħt l-Artikolu 10(2); jew

   (c) tikser sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-assistenza tista' tiġi posposta mill-awtorità li tirċievi t-talba fuq il-bażi li hija tista' tfixkel investigazzjoni li tkun għaddejja, prosekuzzjoni jew proċediment. F'każ bħal dan, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tikkonsulta ma' l-awtorità applikanti biex tistabbilixxi jekk l-għajnuna tistax tingħata skond dawk il-patti jew kundizzjonijiet li l-awtorità li tirċievi t-talba tista' tirrikjedi.

3. Meta l-awtorità applikanti tfittex assistenza li hija stess ma tkunx tista' tipprovdi jekk issirilha talba f'dan ir-rigward, hija għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt fit-talba tagħha. Hija mbagħad l-awtorità li tirċievi t-talba li għandha tiddeċiedi kif għandha tirrispondi għal talba bħal din.

4. Għall-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, id-deċiżjoni ta' l-awtorità li tirċievi t-talba u r-raġunijiet għaliha għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

*Artikolu 10*
*L-iskambju ta' informazzjoni u l-kunfidenzjalità*

1. Kull informazzjoni kkomunikata, tkun xi tkun il-forma tagħha, skond dan il-Protokoll, għandha tkun ta' natura kunfidenzjali jew ristretta, skond ir-regoli applikabbli f'kull waħda mill-Partijiet Kontraenti. Hija għandha tkun koperta bl-

obbligu tas-segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni mogħtija lil informazzjoni simili taħt il-liġijiet relevanti tal-Parti Kontraenti li tkun irċevietha u d-disposizzjonijiet li jikkorrispondu applikabbli għall-awtoritajiet tal-Komunità.

2. Tista' biss tiġi skambjata data personali meta l-Parti Kontraenti li tista' tirċeviha tintrabat li tipproteġi tali data ta' l-anqas b'mod ekwivalenti għal dak applikabli għal dak il-każ partikolari fil-Parti Kontraenti li tista' tipprovdiha. Għal dan l-iskop, il-partijiet kontraenti għandhom jikkomunikaw lil xulxin informazzjoni oħra fuq ir-regoli applikabbli tagħhom, inklużi, fejn ikun xieraq, id-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ fl-Istati Membri tal-Komunità.

3. L-użu, fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi mressqa fir-rigward ta' operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali, ta' informazzjoni miksuba taħt dan il-Protokoll, huwa meqjus li jkun għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Għalhekk il-Partijiet Kontraenti jistgħu, fir-rekords tagħhom ta' evidenza, rapporti u xhieda u fi proċedimenti u akkużi miġjuba quddiem il-qrati, jużaw bħala evidenza dik l-informazzjoni miksuba u d-dokumenti kkonsultati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. L-awtorità kompetenti li pprovdiet dik l-informazzjoni jew tat aċċess għal dawk id-dokumenti għandha tkun notifikata dwar dan l-użu.

4. L-informazzjoni miksuba għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Meta waħda mill-Partijiet Kontraenti tixtieq tuza informazzjoni bħal din għal għanijiet oħra, għandha tikseb minn qabel permess bil-miktub ta' l-awtorità li pprovdiet l-informazzjoni. Dan l-użu għandu jkun imbagħad suġġett għal kull restrizzjoniji stabbilita minn dik l-awtorità.

***Artikolu 11***
***Esperti u xhieda***

Uffiċjal ta' awtorità li jirċievi talba jista' jiġi awtorizzat sabiex jidher, fil-limitazzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala perit jew xhud fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll u sabiex jipproduċi dawk l-oġġetti, dokumenti jew kopji ċertifikati tagħhom li jistgħu jkunu meħtieġa għall-proċedimenti. It-talba għad-dehra għandha turi speċifikament quddiem liema awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva għandu jidher l-uffiċjal, dwar liema kwistjonijiet u bis-saħħa ta' liema titolu jew kwalifika għandu jkun interrogat l-uffiċjal .

***Artikolu 12***
***Spejjeż ta' l-assistenza***

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrinunzjaw kull talba kontra xulxin għar-rimborż ta' spejjeż magħmula minħabba dan il-Protokoll, ħlief, fejn xieraq, għall-ispejjeż ta' periti u xhieda, u dawk ta' interpreti u tradutturi li mhumiex impjegati tas-servizz pubbliku.

*Artikolu 13*
*Implimentazzjoni*

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tiġi fdata, minn naħa, lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Montenegro u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, kif ikun xieraq. Huma għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri prattiċi kollha u l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li jqisu r-regoli fis-seħħ b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Huma jistgħu jirrakkomandaw emendi, li huma jikkunsidraw li għandhom jsiru lil dan il-Protokoll, lill-korpi kompetenti.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin informati bir-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni li jiġu adottati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 14*
*Ftehimiet oħra*

1. Fid-dawl tal-kompetenzi rispettivi tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom:

   – ma jaffettwawx l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti taħt xi ftehim jew konvenzjoni internazzjonali oħra;

   – jitqiesu komplementari għall-ftehimiet dwar assistenza reċiproka li ġew jew li jistgħu jiġu konklużi bejn Stati Membri individwali u l-Montenegro; u għandhom

   – ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet Komunitarji li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri ta' informazzjoni miksuba taħt dan il-Protokoll li tista' tkun ta' interess għall-Komunità.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim bilaterali fuq assistenza reċiproka li ġie jew li jista' jiġi konkluż bejn l-Istati Membri individwali u l-Montenegro safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar huma inkompatibbli ma' dawk ta' dan il-Protokoll.

3. Rigward kwisjonijiet relatati ma' l-applikabbiltà ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jirriżolvu l-kwistjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit taħt l-Artikolu [119] tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

# PROTOKOLL 7
# SOLUZZJONI TAT-TILWIM

SOLUZZJONI TAT-TILWIM

KAPITOLU I

GĦAN U SKOP

*Artikolu 1*

L-Għan

L-għan ta' dan il-Protokoll huwa li jevita u jirriżolvi tilwim bejn il-Partijiet bil-għan li jintlaħqu soluzzjonijiet li jkunu reċiprokament aċċettabbli.

*Artikolu 2*

Skop

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw biss fir-rigward ta' kwalunkwe differenza dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin, inkluż fejn Parti tikkunsidra li miżura adottata mill-Parti l-oħra, jew nuqqas tal-Parti l-oħra li tieħu azzjoni, tkun bi ksur ta' l-obbligi tagħha taħt dawn id-dispożizzjonijiet:

a) Titolu IV Moviment liberu tal-merkanzija, minbarra l-Artikoli 40 u 41(1), (4) u (5) (safejn dawn jirrigwardaw miżuri adottati taħt l-Artikoli 41(1) u 47;

b) Titolu V Moviment tal-ħaddiema, stabbiliment, provvista ta' servizzi, kapital:

- Kapitolu II Stabbiliment (Artikoli 52-56 u 58)
- Kapitolu III Provvista ta' servizzi (Artikoli 59-60 u 61(2) u (3))
- Kapitolu IV Ħlasijiet kurrenti u moviment tal-kapital (Artikolu 62 u Artikolu 63 minbarra t-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4)
- Kapitolu V Dispożizzjonijiet Ġenerali (Artikoli 65-71)

(c) Titolu VI Approssimazzjoni tal-liġijiet, infurzar tal-liġi u regoli tal-kompetizzjoni;

- Artikoli 75(2) (proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali) u 76(1)(2) (l-ewwel subparagrafu) u (3) sa (6) (appalti pubbliċi).

## KAPITOLU II

## PROĊEDURI TA' SOLUZZJONI TAT-TILWIM

## TAQSIMA I – PROĊEDURA TA' ARBITRAĠĠ

### *Artikolu 3*

### *Bidu tal-proċedura ta' arbitraġġ*

1. Fejn il-Partijiet jkunu naqsu milli jaslu għal soluzzjoni tat-tilwima, il-Parti li tkun qiegħda tilmenta tista', taħt il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 130 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, tissottometti talba bil-miktub għall-istabbiliment ta' bord ta' l-arbitraġġ lill-Parti li qed tilmenta dwarha kif ukoll lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

2. Fit-talba tagħha, il-Parti li tkun qed tilmenta għandha tiddikjara s-suġġett tat-tilwima u, skond il-każ, il-miżura adottata mill-Parti l-oħra, jew in-nuqqas tal-Parti l-oħra li tieħu azzjoni, li hija tikkunsidra bi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2.

### *Artikolu 4*

### *L-għamla tal-Bord ta' l-Arbitraġġ*

1. Bord ta' l-Arbitraġġ għandu jkun magħmul minn tliet arbitri.

2. Fi żmien għaxart ijiem mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għall-istabbiliment ta' bord ta' l-arbitraġġ lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jaslu għal ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-bord ta' l-arbitraġġ.

3. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-kompożizzjoni tal-bord fiż-żmien stipulat fil-paragrafu 2, kull waħda mill-Partijiet tista' titlob lill-President tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jew id-delegat tiegħu jagħżel it-tliet membri kollha bil-polza mil-lista stabbilita taħt l-Artikolu 15, wieħed mill-individwi proposti mill-Parti li tagħmel l-ilment, wieħed mill-individwi proposti mill-Parti li tkun qed isir l-ilment kontriha u wieħed mill-Arbitri magħżula mill-Partijiet biex ikun il-President.

   Fil-każ li l-Partijiet jaqblu fuq wieħed jew aktar mill-membri tal-bord ta' l-arbitraġġ, kull membru li jibqa' għandu jiġi maħtur skond l-istess proċedura.

4. L-għażla ta' l-arbitri mill-President tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jew id-delegat tiegħu, għandha ssir fil-preżenza ta' rappreżentant ta' kull Parti.

5. Id-data ta' l-istabbiliment tal-bord ta' l-arbitraġġ għandha tkun id-data li fiha l-President tal-Bord jiġi infurmat bil-ħatra tat-tliet arbitri bi ftehim komuni fost il-Partijiet jew, skond il-każ, bid-data ta' l-għażla tagħhom skond il-paragrafu 3.

6. Fejn Parti tikkunsidra li arbitru ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta msemmija fl-Artikolu 18, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu li jagħmlu dan, jissostitwixxu l-arbitru u jagħżlu arbitru sostitut skond il-paragrafu 7. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar il-bżonn li arbitru jiġi sostitwit, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-President tal-Bord ta' l-Arbitraġġ, li jieħu d-deċiżjoni finali,

   Meta Parti tikkunsidra li l-President tal-Bord ta' l-Arbitraġġ ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta msemmija fl-Artikolu 18, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-wieħed mill-bqija tal-membri tal-grupp ta' arbitri magħżula biex jagħmluha ta' President, l-isem ta' liema membru għandu jiġi mtella' bil-polza mill-President tal-tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jew mid-delegat tiegħu, fil-preżenza ta' rappreżentant ta' kull Parti, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

7. Jekk arbitru ma jkunx jista' jieħu sehem fil-proċediment, jirtira jew jiġi sostitwit skond il-paragrafu 6, għandu jiġi magħżul sostitut f'ħamest ijiem skond il-proċeduri ta' l-għażla segwiti sabiex jintagħżel l-arbitru oriġinali. Il-proċedimenti tal-Bord għandhom jiġu sospiżi għaż-żmien li fih titwettaq din il-proċedura.

***Artikolu 5***

***Digriet tal-Bord ta' Arbitraġġ***

1. Il-Bord ta' l-Arbitraġġ għandu jinnotifika d-digriet tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fi żmien 90 jum mid-data ta' l-istabbiliment tal-Bord ta' l-Arbitraġġ. Meta tqis li dan it-terminu ma jistax jinżamm, il-President tal-Bord għandu jinnotifika bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien. Id-digriet ma jista', fl-ebda ċirkustanza, jinħareġ aktar tard minn 120 jum mid-data ta' l-istabbiliment tal-Bord.

2. F'każijiet ta' urġenza, inklużi dawk li jkunu jirrigwardaw merkanzija li tmur, il-Bord ta' l-Arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz sabiex joħroġ id-digriet tiegħu fi żmien 45 jum mid-data ta' l-istabbiliment tiegħu. Dan ma jista', fl-ebda ċirkustanza, jieħu aktar tard minn 100 jum mid-data ta' l-istabbiliment tal-Bord. Il-Bord ta' l-Arbitraġġ jista' jagħti digriet preliminari f'għaxart ijiem mill-istabbiliment tiegħu dwar jekk jikkunsidrax il-każ bħala urġenti.

3. Id-digriet għandu jelenka s-sejbiet fattwali, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet relevanti għal dan il-Ftehim u r-raġunament bażiku li jinsab fil-bażi tas-sejbiet kollha u tal-konklużjonijiet kollha li jiġbed. Id-digriet jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex tiġi rispettata.

4. Il-Parti li tagħmel l-ilment tista' tirtira l-ilment tagħha b'notifika bil-miktub lill-President tal-Bord ta' l-Arbitraġġ, lill-Parti li tkun għamlet l-ilment kontriha u l-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, f'kull ħin qabel id-digriet jiġi nnotifikat lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Dan l-irtirar huwa bla ħsara għad-dritt tal-Parti li tagħmel l-ilment li tressaq ilment ġdid dwar l-istess miżura fi żmien sussegwenti.

5. Il-Bord ta' l-Arbitraġġ għandu, fuq talba taż-żewġ Partijiet, jissospendi xogħlu f'kull waqt għal perjodu ta' żmien li ma jkunx aktar minn 12-il xahar. Meta dan il-perjodu ta' 12-il xahar ikun ġie ssuperat, tiskadi l-awtorità għall-istabbiliment tal-Bord, bla ħsara għad-dritt tal-Parti li tkun għamlet l-ilment biex, fi stadju sussegwenti, titlob l-istabbiliment ta' bord dwar l-istess miżura.

## TAQSIMA II - KONFORMITÀ

### *Artikolu 6*

### *Konformità mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ*

Kull Parti għandha tieħu kull miżura neċessarja sabiex tikkonforma mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ u l-Partijiet għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jaqblu fuq il-perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex jikkonformaw mad-digriet.

### *Artikolu 7*

### *Perjodu ta' żmien ragonevoli għal konformità*

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinnotifika lill-Parti li għamlet l-ilment biż-żmien li ser teħtieġ biex tikkonforma (minn issa 'l quddiem il-"perjodu raġonevoli ta' żmien") mhux aktar minn 30 jum wara n-notifika tad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ lill-Partijiet. Iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jaqblu fuq perjodu raġonevoli ta' żmien.

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet fuq il-perjodu raġonevoli ta' żmien biex jikkonformaw mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ, il-Parti li għamlet l-ilment tista' titlob lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, f'20 jum min-notifika li ssir taħt il-paragrafu 1, biex jerġa' jlaqqa' l-Bord ta' l-Arbitraġġ oriġinali sabiex jistabbilixxi t-tul tal-perjodu raġonevoli ta' żmien. Il-Bord ta' l-Arbitraġġ għandu jinnotifika d-digriet tiegħu f'20 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba.

3. Jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jerġgħu jiltaqgħu, għandhom japplikaw il-proċedimenti stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll. It-terminu għan-notifika tad-digriet jibqa' ta' 20 jum mid-data ta' l-istabbiliment tal-Bord.

### *Artikolu 8*

### *Stħarriġ ta' kwalunkwe miżura meħuda sabiex ikun hemm konformità mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ*

1. Il-Parti li saret l-ilment kontriha għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bi kwalunkwe miżura li ħadet biex tikkonforma mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ qabel ma jispiċċa l-perjodu raġonevoli ta' żmien.

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet dwar il-kompatibilità ta' xi miżura nnotifikata taħt il-paragrafu 1 mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-Parti

li tkun għamlet l-ilment tista' titlob lill-Bord ta' l-Arbitraġġ l-oriġinali biex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Talba bħal din għandha tispjega għaliex il-miżura ma tikkonformax mal-Ftehim. Meta jerġa jitlaqqa', il-Bord ta' l-Arbitraġġ għandu joħroġ id-digriet tiegħu fi żmien 45 jum mid-data ta' l-istabbiliment mill-ġdid tiegħu.

3. Jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jerġgħu jiltaqgħu, għandhom japplikaw il-proċedimenti stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll. It-terminu għan-notifika tad-digriet jibqa' ta' 45 jum mid-data ta' l-istabbiliment tal-Bord.

***Artikolu 9***

***Rimedji temporanji fil-każ ta' nuqqas ta' konformità***

1. Jekk il-Parti li sar l-ilment kontriha tonqos milli tinnotifika b'xi miżura li tkun ħadet biex tikkonforma mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ qabel ma jiskadi l-perjodu raġonevoli ta' żmien, jew jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ jiddeċiedi li l-miżura notifikata taħt l-Artikolu 8(1) ma tikkonformax ma' l-obbligi tal-Parti taħt dan il-Ftehim, il-Parti li sar l-ilment kontriha għandha, jekk tiġi hekk mitluba mill-Parti li għamlet l-ilment, tippreżenta offerta ta' kumpens temporanju.

2. Jekk ma jintlaħaq ebda ftehim dwar kumpens fi żmien 30 jum minn tmiem il-perjodu raġonevoli ta' żmien, jew mid-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ taħt l-Artikolu 8, li miżura li ttieħdet minn Parti sabiex tikkonforma ma tikkonformax mal-Ftehim, il-Parti li għamlet l-ilment għandha tkun intitolata, fuq notifika lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li tissospendi l-applikazzjoni tal-benefiċċji mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll fuq livell li jkun ekwivalenti għall-impatt ekonomiku negattiv ikkawżat mill-ksur. Il-Parti li għamlet l-ilment tista' timplimenta s-sospensjoni għaxart ijiem wara d-data tan-notifika, sakemm il-Parti li sar l-ilment kontriha ma tkunx talbet għal arbitraġġ taħt il-paragrafu 3.

3. Jekk il-Parti li sar l-ilment kontriha tqis li l-livell ta' sospensjoni mhuwiex ekwivalenti għall-impatt ekonomiku negattiv ikkawżat mill-ksur, qabel ma jiskadi l-perjodu ta' għaxart ijiem imsemmi fil-paragrafu 2, hija tista' titlob bil-miktub lill-President tal-Bord ta' l-Arbitraġġ oriġinali biex jerġa' jlaqqa' l-Bord ta' l-Arbitraġġ oriġinali. Il-Bord ta' l-Arbitraġġ għandu jinnotifika d-digriet tiegħu fuq il-livell tas-sospensjoni tal-benefiċċji lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fi żmien 30 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba. Ma jistgħux jiġu sospiżi benefiċċji sakemm il-Bord ta' l-Arbitraġġ ma jkun ħareġ id-digriet tiegħu u kull sospensjoni għandha tkun konsistenti mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ.

4. Is-sospensjoni tal-benefiċċji għandha tkun temporanja u għandha tkun biss applikata sakemm kull miżura li nstabet li tikser il-Ftehim tkun ġiet irtirata jew emendata sabiex issir konformi mal-Ftehim, jew sakemm il-Partijiet jiftiehmu li jagħlqu t-tilwima.

*Artikolu 10*

***Stħarriġ ta' kwalunkwe miżura meħuda sabiex ikun hemm konformità wara s-sospensjoni tal-benefiċċji***

5. Il-Parti li saret l-ilment kontriha għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bi kwalunkwe miżura li ħadet biex tikkonforma mad-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ u bit-talba tagħha għal tmiem tas-sospensjoni tal-benefiċċji applikati mill-Parti li għamlet l-ilment.

2. Jekk il-Partijiet ma jiftiehmux dwar il-kompatibbiltà tal-miżura nnotifikata mal-Ftehim fi żmien 30 jum mis-sottomissjoni tan-notifika, il-Parti li għamlet l-ilment tista' titlob bil-miktub lill-President tal-Bord ta' l-Arbitraġġ oriġinali biex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra u l-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fl-istess ħin. Id-digriet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ għandu jiġi nnotifikata f'45 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba. Jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ jiddeċiedi li xi miżura li ttieħdet biex Parti tikkonforma ma tikkonformax mal-Ftehim, huwa għandu jistabbilixxi jekk il-Parti li għamlet l-ilment tistax tkompli bis-sospensjoni tal-benefiċċji fuq il-livell oriġinali jew fuq livell differenti. Jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ jiddeċiedi li xi miżura li ttieħdet biex Parti tikkonforma, tikkonforma mal-Ftehim, is-sospensjoni tal-benefiċċji għandha tintemm.

3. Jekk il-Bord ta' l-Arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jerġgħu jiltaqgħu, għandhom japplikaw il-proċedimenti stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll. It-perjodu għan-notifika tad-digriet jibqa' ta' 45 jum mid-data ta' l-istabbiliment tal-Bord.

## TAQSIMA III – DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

*Artikolu 11*

***Smigħ bil-miftuħ***

Il-laqgħat tal-Bord ta' l-Arbitraġġ għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura msemmija fl-Artikolu 18, sakemm il-Bord ta' l-Arbitraġġ ma jiddeċiedix mod ieħor *ex officio* jew fuq it-talba tal-Partijiet.

*Artikolu 12*

***Informazzjoni u pariri tekniċi***

Fuq talba ta' Parti, jew *ex officio*, il-Bord jista' jfittex informazzjoni minn kull sors li jqis xieraq għall-proċediment tal-Bord. Il-Bord għandha wkoll id-dritt li tfittex l-opinjoni ta' esperti fejn tqis li dan huwa xieraq. Kull informazzjoni miksuba b'dan il-mod għandha tingħata liż-żewġ Partijiet u għandha tkun miftuħa għall-kummenti. Il-partijiet interessati għandhom ikunu awtorizzati jissottomettu osservazzjonijiet *amicus curiae* lill-Bord ta' l-Arbitraġġ taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura msemmija fl-Artikolu 18.

*Artikolu 13*

*Prinċipji ta' interpretazzjoni*

Il-bordijiet ta' l-arbitraġġ għandhom japplikaw u jinterpretaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim skond ir-regoli ta' konswetudni ta' l-interpretazzjoni tad-dritt pubbliku internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati. Huma m'għandhomx jagħtu interpretazzjoni ta' l-*acquis communautaire*. Il-fatt li dispożizzjoni tkun essenzjalment identika għal dispożizzjoni tat-Trattat li jistabbiixxi l-Komunitajiet Ewropej m'għandux ikun deċiżiv fl-interpretazzjoni ta' dik l-interpretazzjoni.

*Artikolu 14*
*Deċiżjonijiet u digrieti ta' bordijiet ta' l-arbitraġġ*

1. Id-deċiżjonijiet kollha tal-Bord ta' l-Arbitraġġ, inkluża l-adozzjoni tad-digriet, għandhom jittieħdu b'vot ta' maġġoranza.

2. Id-digrieti kollha tal-Bord ta' l-Arbitraġġ għandhom jorbtu lill-Partijiet. Huma għandhom jiġu nnotifikati lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li għandu jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku sakemm ma jiddeċidiex, b'kunsens, li ma jagħmilhomx,

**KAPITOLU III**

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 15*

*Lista ta' arbitri*

1. Il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, jistabbilixxi lista ta' ħmistax-il individwu li huma lesti u kapaċi li jservu ta' arbitri. Kull waħda mill-Partijiet għandha tagħżel ħames individwi li jservu ta' arbitri. Il-Partijiet għandhom ukoll jaqblu fuq ħames individwi li għandhom jagħmluha ta' Presidenti għal bordijiet ta' arbitraġġ. Il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiżgura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell.

2. L-arbitri għandu jkollhom għarfien speċjalizzat dwar u esperjenza fil-liġi, il-liġi internazzjonali, il-liġi Komunitarja u/jew il-kummerċ internazzjonali. Huma għandhom ikunu indipendenti, għandhom jaqdu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u m'għandhomx ikunu affiljati ma', jew jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe organizzazzjoni jew gvern, u għandhom jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta msemmi fl-Artikolu 19.

*Artikolu 16*
*Rabta ma' obbligi tad-WTO*

Fuq is-sħubija eventwali tal-Montenegro fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), għandu japplika dan li ġej:

a) Il-bordijiet ta' l-arbitraġġ mwaqqfa taħt dan il-Protokoll m'għandhomx jiddeċiedu fuq tilwim dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' kull Parti taħt il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

b) Id-dritt ta' kull waħda mill-Partijiet li tirrikorri għad-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Protokoll għandu jkun bla ħsara għal kull azzjoni fil-qafas tad-WTO, inkluża azzjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim. Madankollu, meta, rigward miżura partikolari, Parti tkun ressqet proċediment dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, jew taħt l-Artikolu 3(1) ta' dan il-Protokoll jew inkella taħt il-Ftehim tad-WTO, hija ma tistax tressaq proċediment dwar is-soluzzjoni tat-tilwim rigward l-istess miżura f'forum ieħor sakemm l-ewwel proċediment ma jkun intemm. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-proċedimenti dwar is-soluzzjoni tat-tilwim taħt il-Ftehim tad-WTO huma meqjusa li jkunu ġew mibdija mit-talba ta' Parti għat-twaqqif ta' bord taħt l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Regoli u ta' Proċeduri tad-WTO li jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim.

(c) Xejn f'dan il-Protokoll m'għandu jipprekludi lil Parti milli timplimenta s-sospensjoni ta' l-obbligi awtorizzata mill-Korp tas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO.

***Artikolu 17***
***Termini***

1. It-termini kollha stabbiliti f'dan il-Protokoll għandhom jingħaddu f'jiem kalendarji mill-jum ta' wara l-att jew il-fatt li għalih jirreferu.

2. Kull terminu msemmi f'dan il-Protokoll jista' jiġi estiż bil-ftehim reċiproku tal-Partijiet.

3. Kull skadenza msemmija f'dan il-Protokoll tista' wkoll tiġi estiża mill-President tal-Bord ta' l-Arbitraġġ, fuq talba motivata ta' waħda mill-Partijiet jew minnu *ex officio*.

***Artikolu 18***
***Regoli ta' Proċedura, Kodiċi ta' Kondotta u tibdil tal-Protokoll***

1. Il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, jistabbilixxi Regoli ta' Proċedura dwar il-mod kif għandhom jitmexxew il-proċedimenti tal-Bord ta' l-Arbitraġġ.

2. Il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, jikkomplementa r-Regoli ta' Proċedura b'Kodiċi ta' Kondotta li tiżgura l-indipendenza u l-imparzjalità ta' l-arbitri.

3. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi jemenda dan il-Protokoll.

# PROTOKOLL 8

## DWAR IL-PRINĊIPJI ĠENERALI GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-MONTENEGRO FI PROGRAMMI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

*Artikolu 1*

Il-Montenegro ser titħalla tipparteċipa fil-programmi tal-Komunità Ewropea li ġejjin:

a) il-programmi li huma elenkati fl-Anness tal-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u l-Montenegro dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tas-Serbja u l-Montenegro fi programmi tal-Komunità[102],

b) Programmi stabbiliti jew imġedda wara s-27 ta' Lulju 2005 u li jkun fihom klawżola ta' ftuħ li tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Montenegro.

*Artikolu 2*

It-Montenegro għandu jikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea b'mod li jikkorrispondi mal-programmi speċifiċi fihom jipparteċipa.

*Artikolu 3*

Ir-rappreżentanti tal-Montenegro għandhom jitħallew jieħdu sehem, bħala osservaturi u għall-punti li jirrigwardaw il-Montenegro, fil-kumitati li jidderieġu responsabbli għas-sorveljanza tal-programmi li fihom il-Montenegro jikkontribwixxi finanzjarjament.

*Artikolu 4*

Proġetti u inizjattivi li jiġu sottomessi minn parteċipanti mill-Montenegro għandhom, safejn dan hu possibbli, jkunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet, regoli u proċeduri tal-programmi kkonċernati kif applikati lill-Istati Membri.

*Artikolu 5*

Il-patti u l-kundizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni tal-Montenegro f'kull programm partikolari, b'mod partikolari il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas, għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim, fil-forma ta' Memorandum ta' Ftehim, bejn il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità, u l-Montenegro.

---

[102] ĠU L192, 22.7.2005, pġ. 29.

Jekk il-Montenegro japplika għal għajnuna Komunitarja esterna fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)[103] jew fuq il-bażi ta' Regolament simili li jipprovdi għal għajnuna Komunitarja esterna lill-Montenegro li jista' jiġi adottat fil-futur, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-Montenegro ta' assistenza Komunitarja għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' finanzjar.

*Artikolu 6*

Il-Memorandum ta' Ftehim għandu jistipula, skond ir-Regolament Finanzjarju tal-Komunità, li ser jitwettqu kontroll jew verifiki finanzjarji minn, jew taħt l-awtorità tal-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF u Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandhom jiġu adottati dispożizzjoniiet dettaljati dwar kontroll u verifika finanzjarji, miżuri amministrattivi, penali u rkupru li jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF u l-Qorti ta' l-Awdituri li jiġu mogħtija setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom rigward il-benefiċjarji jew il-kuntratturi stabbiliti fil-Komunità.

*Artikolu 7*

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u kull tliet snin wara dan, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jirrevedi l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll fuq il-bażi tal-parteċipazzjoni attwali tal-Montenegro fi programm wieħed jew f'aktar programmi tal-Komunità Ewropea.

---

[103] ĠU L210, 31.7.2005, pġ. 82.

**L-ATT FINALI**

Il-Plenipotenzjarji ta':

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA’ L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRETTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika, u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

minn hawn ’il quddiem l-“Istati Membri”, u tal-

KOMUNITÀ EWROPEA u l-KOMUNITÀ EWROPEA TA’ L-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità"

fuq naħa waħda, u

il-plenipotenzjari tar-REPUBBLIKA TAL-MONTENEGRO,

minn hawn 'il quddiem imsejħa ‘il-Montenegro’,

fuq in-naħa l-oħra,

li qegħdin jiltaqgħu fi [Brussell] fil- […] fis-sena 2007 għall-Iffirmar tal-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u l-Montenegro fuq in-naħa l-oħra, minn hawn ’il quddiem “il-Ftehim”, adottaw it-testi li ġejjin:

il-Ftehim u l-Annessi tiegħu, jiġifieri:

L-Anness I (Artikolu 21) – Il-konċessjonijiet tariffarji tal-Montenegro għal prodotti industrijali tal-KE

Anness II (Artikolu 26) – Tifsira ta' "laħam taċ-ċanga għat-trabi"

L-Anness III (Artikolu 27) – Il-konċessjonijiet tariffarji tal-Montenegro għal prodotti agrikoli tal-KE

L-Anness IV (Artikolu 29) – Il-konċessjonijiet tal-KE għall-prodotti tal-ħut tal-Montenegro

L-Anness V (Artikolu 30) – Il-konċessjonijiet tal-Montenegro għall-prodotti tal-ħut tal-KE

L-Anness VI (Artikolu 52) – L-istabbiliment: "servizzi finanzjarji"

L-Anness VII (Artikolu 75) – Id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali

**u il-Protokolli li ġejjin:**

Il-Protokoll 1 (Artikolu 25) – Il-kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati

Il-Protokoll 2 (Artikolu 28) – L-inbid u l-prodotti alkoħoliċi

Il-Protokoll 3 (Artikolu 44) – Id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

Il-Protokoll 4 (Artikolu 61) – It-trasport fuq l-art

Il-Protokoll 5 (Artikolu 73) – L-għajnuna mill-Istat lill-industrija ta' l-azzar

Il-Protokoll 6 (Artikolu 99) – Għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali.

Il-Protokoll 7 (Artikolu 129) – Il-mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Protokoll 8 (Artikolu 132) - Prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi tal-Komunità.

Il-Plenipotenzjarji ta' l-Istati membri u tal-Komunità u l-Plenipotenzjarji tar-Repubblika tal-Montenegro adottaw it-testi tad-dikjarazzjonijiet konġunti elenkati hawn taħt u annessi ma' dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 75

Il-plenipotenzarji tal-Montenegro ħadu nota tad-Dikjarazzjoni elenkata hawn taħt u mehmuża ma' dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha

## Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 75

Il-Partijiet jaqblu li għall-fini ta' dan il-Ftehim, il-proprjetà intellettwali u industrijali tinkludi, b'mod partikolari, id-drittijiet ta' l-awtur, inklużi d-dritt ta' l-awtur tal-programmi tal-kompjuter u assoċjati, id-drittijiet relatati ma' banek tad-data, ma' privattivi, inklużi ċertifikati ta' protezzjoni supplementari, ma' disinji industrijali, ma' *trademarks* u ma' marki ta' servizz, ma' topografiji ta' ċirkwiti integrati, ma' indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi denominazzjonijiet ta' l-oriġini, u ma' drittijiet ta' varjetà ta' pjanti.

Il-protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà kummerċjali tinkludi, b'mod partikolari, il-protezzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Proprjetà Industrijali u l-protezzjoni ta' informazzjoni li għadha ma ġietx żvelata kif imsemmija fl-Artikolu 30 tal-Ftehim dwar Aspetti ta' Kummerċ ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali (il-Ftehim TRIPS).

Barra minn dan, il-Partijiet jaqblu li l-livell ta' protezzjoni msemmija fl-Artikolu 75(3) għandu jinkludi d-disponibbiltà tal-miżuri, proċeduri u rimedji previsti fid-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

## Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha

Fid-dawl tal-miżuri kummerċjali eċċezzjonali li ġew konċessi mill-Komunità Ewropea lil pajjiżi li qed jipparteċipaw jew li huma marbuta mal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE, inkluż il-Montenegro, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru. 2007/2000, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jiddikjaraw:

li, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 35 ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw dawk minn fost il-miżuri ta' kummerċ unilaterali u awtonomi li huma aktar favorevoli flimkien mal-konċessjonijiet ta' kummerċ kuntrattwali offerti mill-Komunità f'dan il-Ftehim sakemm japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2007/2000, kif emendat;

li, b'mod partikolari, għall-prodotti li huma koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda, li għalihom it-Tariffa Doganali Komuni tipprovdi għall-applikazzjoni ta' dazji doganali *ad valorem* u dazju doganali speċifiku, it-tnaqqis għandu japplika wkoll għad-dazju doganali speċifiku b'deroga mid-dispożizzjoni rilevanti ta' l-Artikolu 26(2).